Vol 40
Nru 206
Ottubru - Diċembru 2019

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2019

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Kapitelli Kruċjati fil-bieb
tal-Bażilika tal-Qabar ta'
Kristu*

# Werrej



6



14



22



27


6 San Franġisk fl-Art Imqaddsa (iv) (1219 - 2019)

14 Il-Pentatewku l-Ewwel Ħames Kotba tal-Bibbja

22 Mosè Profeta Ppruvat u Mġarrab (4)

27 L-Ittra Appostolika "Aperuit Illis"

35 L-Aspett Politiku fir-Rakkonti tat-Twelid ta' Ġesù

44 Vaska tal-Magħmudija Biżantina fil-Bażilika ta' Betlehem




35

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## Ir-Rwol tal-Kummissarji tal-Art Imqaddsa

Bejn il-21 u l-25 ta' Ottubru l-Kummissarji tal-Art Imqaddsa tal-grupp ta' lingwa Taljana (Italja, Malta, Slovenja, Kroazja, Polonja) iltqajna f'Milan għall-kungress annwali li fih aħna niddiskutu temi ta' interess reċiproku u nirriflettu fuq ir-rwol tal-Kummissarju tal-Art Imqaddsa fir-reġjun speċifiku li fih ikun qed jaqdi lill-Kustodja. Għal dawn il-laqgħat kien hemm preżenti l-Kustodju tal-Art Imqaddsa, P. Francesco Patton OFM.

Din is-sena t-tema tal-kungress tal-Kummissarji kien iċċentrat fuq it-8 ċentinarju tal-laqgħa ta' San Franġisk mas-Sultan al-Malik al-Kamil, li ġrat f'Settembru 1219 f'Damietta, l-Eġittu. It-titlu li ġie magħżul għal dawn il-ġranet ta' laqgħat kien "Franġisku li jkisser il-ħitan." Il-parteċipanti rriflettew fuq din is-sejħa partikulari ta' San Franġisk li jibni pontijiet ta' ħbiberija u djalogu anke ma' dawk li mhumiex Insara, fosthom il-Musulmani li kienu l-għedewwa tal-Kruċjati. Fuq din it-tema saru ċelebrazzjonijiet kbar matul is-sena kollha, li laħqu l-qofol tagħhom fil-Konvenju li sar fil-Kunvent ta' San Salvatur f'Ġerusalemm mit-30 ta' Settembru sal-4 ta' Ottubru fl-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk, u li għalih kien preżenti l-Kardinal Leonardo Sandri, Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Knejjes Orjentali.

*...editorjal*

# *Ir-Rwol tal-Kummissarji tal-Art Imqaddsa*



Fost il-kelliema li ħadu sehem fil-Kungress tal-Kummissarji kien hemm il-Kustodju tal-Art Imqaddsa l-Isqof awżiljarju ta' Milan Monsinjur Paolo Martinelli il-Ministru Provinċjal tal-Franġiskani tal-Provinċja ta' Sant'Antnin tal-Italja ta' fuq P. Enzo Maggioni OFM ir-responsabbli djoċesan għall-pastorali tat-turiżmu Dun Massimo Pavanello u xi uffiċjali responsabbli mill-Uffiċċju Nazzjonali tat-Turiżmu Israeljan.

Il-Kummissarji li ħadu sehem jinkludu mhux biss dawk ta' lingwa Taljana, imma wkoll oħrajn li jaħdmu f'pajjiżi viċin l-Italja u li għandhom rabta kulturali magħha, fosthom aħna f'Malta, u l-Kummissarji tas-Slovenja, Kroazja u Polonja.

Waqt il-Kungress aħna l-Kummissarji ġejna wkoll introdotti fix-xogħol siewi li tagħmel il-Kustodja tal-Art Imqaddsa f'Milan, b'kollaborazzjoni mal-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa tal-Italja ta' fuq. Żorna ċ-ċentru tal-Kustodja fejn hemm il-Fondazione Terra Santa u l-Edizioni Terra Santa, il-"publishing house" tal-Kustodja, li f'dawn l-aħħar snin ippubblikat diversi volumi fuq il-Bibbja u l-Art Imqaddsa, kemm dawk ta' natura popolari kif ukoll oħrajn ta' natura aktar xjentifika, li jinkludu anke l-pubblikazzjonijiet tal-i*Studium Biblicum Franciscanum* ta' Ġerusalemm. Iltqajna wkoll ma' dawk li jaħdmu fl-Assocazione ATS pro Terra Sancta, li hi NGO Taljana li għandha l-iskop li toħloq inizjattivi ta' "fund raising" b'riżq proġetti ta' natura soċjali, edukattiva u karitattiva fil-Kustodja tal-Art Imqaddsa, b'mod partikulari f'żoni tal-Kustodja milqutin minn gwerra, bħalma hi s-Sirja.

Kif jiġri f'kull Kungress tal-Kummissarji, jiġu organizzati wkoll xi ħarġiet kulturali għall-Kummissarji preżenti. Din id-darba, bl-inizjattiva ta' P. Francesco Ielpo OFM, Kummissarju tal-Italja ta' fuq, saru żjajjar kulturali fid-Duomo ta' Milan u fiċ-Ċertosa ta' Pavia.

Kellna wkoll xi avvenimenti pubbliċi, organizzati mill-grupp ta' Amici di Terra Santa. B'mod partikulari assistejna għall-preżentazzjoni ta' żewġ pubblikazzjonijiet ġodda, il-ktieb *Teologia dell'ospitalità* (24 ta' Ottubru) u l-ktieb *Francesco e il Sultano nell'arte* (25 ta' Ottubru). Dawn il-pubblikazzjonijiet saru b'mod speċjali fl-okkażjoni taċ-ċentinarju mill-miġja ta' San Franġisk fl-Art Imqaddsa u tal-laqgħa tiegħu mas-Sultan tal-Eġittu.

Barra mil-laqgħat u ċelebrazzjonijiet oħrajn li normalment isiru f'dawn l-okkażjonijiet ta' Kungressi, l-iskop hu wkoll dak li l-Kummissarji jiltaqgħu bejniethom b'mod informali u ta' ħbiberija fraterna biex jitkellmu flimkien dwar ix-xogħol tagħhom,

jaqsmu esperjenzi, u jintroduċu ideat ġodda. Fuq kollox aħna nirriflettu flimkien fuq ir-rwol tal-Kummissarju tal-Art Imqaddsa.

Fl-Ordni Franġiskan il-figura tal-Kummissarju tal-Art Imqaddsa għandha tifsira partikulari. Għal diversi sekli, almenu mis-seklu 17, l-Ordni ried li, f'kull Provinċja possibilment ikun hemm patri li jimpenja ruħu biex janima l-ħidma favur il-missjoni tal-Art Imqaddsa, li l-Ordni Franġiskan iqisha bħala l-missjoni ewlenija tiegħu. Dan il-patri jissejjaħ "Kummissarju" tal-Art Imqaddsa, kelma li forsi tista' tinstema' stramba, għax is-soltu norbtuha ma' xi "Kummissarju" tal-Pulizija! Il-kelma ġejja mill-verb latin *committere*, li tfisser "tafda responsabilità", "tibgħat f'impenn jew missjoni". Mela l-Kummissarju tal-Art Imqaddsa hu l-patri li l-Ordni Franġiskan jafdah b'impenn u responsabiltà u jibagħtu biex ikellem, jgħallem u janima lill-insara dwar l-importanza tal-missjoni tal-Art Imqaddsa, bħala missjoni li l-Knisja fdatha f'idejn il-"Kustodja" (il-ħarsien) tal-Patrijiet Franġiskani.

Biex jagħmel din il-ħidma l-Kummissarju juża mezzi ta' informazzjoni (internet, pubblikazzjonijiet, rivisti), iżur il-parroċċi, jorganizza l-ġabra annwali ta' fondi b'riżq l-opri tal-Art Imqaddsa, jorganizza pellegrinaġġi biex ixerred l-imħabba lejn l-Art Imqaddsa. Insomma, il-Kummissarju hu l-ħolqa bejn il-Kustodja tal-Art Imqaddsa u d-diversi Provinċji tal-Ordni mxerrdin mad-dinja kollha.

Il-Kustodja tal-Art Imqaddsa għandha uffiċċju apposta li jieħu ħsieb jikkordina l-ħidma tal-Kummissarji. Saru wkoll xi Kungressi Internazzjonali tal-Kummissarji, li ġew mid-dinja kollha f'Ġerusalemm, biex ikunu midħla tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa fl-istess postijiet li fihom hi taħdem u twettaq il-missjoni tagħha. Dan għaliex, għalkemm diversi Kummissarji jiġu spiss l-Art Imqaddsa ma' gruppi ta' pellegrini, imma xi wħud li jiġu minn pajjiżi u kontinenti li huma bogħod, ma jkunux daqshekk midħla ta' din il-missjoni, li għandha partikularitajiet tagħha. Il-fatt li l-Kummissarji jiltaqgħu flimkien u jaqsmu l-eperjenzi tagħhom jgħin biex jissaħħu r-rabtiet tagħhom flimkien u biex isiru aktar esperti fil-ħidma tagħhom.

Illum il-ġurnata, bl-influss kbir ta' pellegrini fl-Art Imqaddsa, li jitħalltu ma' eluf ta' viżitaturi u turisti li mhux dejjem jifhmu s-sagralità tal-Postijiet Qaddisa, hu importanti li l-Kummissarji jibqgħu magħqudin filli jippreżentaw l-aħjar u l-aqwa stil ta' pellegrinaġġ għal dawk li sinċerament jixtiequ jiġu l-Art Imqaddsa bi skop ta' talb u ta' għarfien ta' din il-ġawhra tal-missjonijiet tal-Knisja.



***Il-Bord Editorjali jawgura Milied Qaddis u s-Sena t-Tajba lill-qarrejja kollha***



# SAN FRANĠISK FL-ART IMQADDSA (IV) (1219 - 2019)

*Noel Muscat ofm*

## San Franġisk jirritorna fil-kamp tal-Kruċjati, li jieħdu Damietta u jitilfuha

Il-perjodu li jiġi wara l-laqgħa li kellu San Franġisk mas-Sultan al-Malek al-Kamel f'Settembru 1219 jibqa' mument problematiku għall-istorja Franġiskana. Mil-lat tal-istorja tal-Ħames Kruċjata l-avvenimenti huma ċari, u minnhom irridu nibdew biex nifhmu eżattament x'seta' ġara lil San Franġisk f'dak iż-żmien.

Qabel ma naraw kif spiċċat il-Ħames Kruċjata, ta' min isemmi xhieda kurjuża li tista' tirreferi għall-preżenza ta' San Franġisk fil-kamp tas-Saraċini meta ltaqa' mas-Sultan. Qed nirreferu għal xhieda li nstabet mill-istudjuż Louis Massignon (1883-1962). Skont John Tolan (*Saint Francis and the Sultan. The Curious History of a Christian-Muslim Encounter*, Oxford University Press, 2009, 295), "(Massignon) jaċċetta bħala vera l-verżjoni ta' Bonaventura dwar il-predikazzjoni ta' San Franġisk quddiem al-Kâmil, partikolarment il-prova tan-nar. Massignon qalleb fost l-għejun Għarab u sab dak li hu qies bħala prova tal-preżenza tal-qaddis. Hu sab riferiment għal Fakhr al-Din al-Farisi, kunsillier spiritwali ta' al-Kâmil, li kellu avventura memorabbli ma' ċertu *raħib* (raħeb Kristjan). Għal Massignon dan ir-raħeb seta' kien Franġisku, anke jekk forsi kien hemm oħrajn li din l-iskrizzjoni tista' tirreferi għalihom, bħall-Patrijarka Koptu ta' Lixandra, li ħa sehem f'diskussjoni ma' studjużi Musulmani quddiem al-Kâmil fl-1221." Massignon jgħid li din l-iskrizzjoni kienet tinsab fuq il-qabar ta' al-Farisi, li miet fil-Kajr fl-1221.

Is-sitwazzjoni f'Damietta lejn tmiem is-sajf tal-1219 kienet waħda iddisprata. Il-belt kienet ilha minn Frar assedjata u l-popolazzjoni bdiet tmut bil-ġuħ u bil-mard. Ix-xmara Nil ma kinetx faret dik is-sena, u l-Eġittu kollu kien qed isofri l-ġuħ. Al-Kamel kompla jipprova jimbotta lill-Kruċjati lura mill-assedju ta' Damietta, imma ma rnexxilux.

Fil-lejl tal-4 ta' Novembru 1219 xi għases Kristjani ntebħu li wieħed mit-torrijiet ta' Damietta kien donnu abbandunat. Huma telgħu jaraw u sabu li t-torri kien vojt. Għalhekk irritornaw fil-kamp u xandru l-aħbar. Il-Kruċjati okkupaw it-torri u parti mis-swar, u mbagħad fetħu wieħed mill-bibien tal-belt u l-armata Kristjana daħlet.

L-għada filgħodu al-Kamel irtira għax ma kienx hemm possibiltà li jsalva l-belt. Imma l-Kruċjati, immexxijin minn Balian ta' Sidon, ma sabu l-ebda reżistenza meta daħlu Damietta. Il-kronista u kjeriku Oliver ta' Paderborn li kien preżenti waqt il-Ħames Kruċjata (1217-1221), awtur tal-*Historia Damiatina*, jikteb li, minn 80 elf abitant 3 elef biss kienu għadhom ħajjin meta l-Kruċjati rebħu l-belt fil-5 ta' Novembru 1219, u li minn dawn 100 biss ma kinux morda. Bejn is-swar u l-ħitan tal-belt, fil-foss, il-Kruċjati sabu eluf ta' iġsma ta' mejtin bil-pesta fi stat ta' dekompożizzjoni. Id-dehra kienet waħda tal-biża'. Jekk San Franġisk daħal magħhom fil-belt, dak il-jum kellu jibqa' immarkat fil-memorja sensibbli tiegħu bħala prova tal-assurdità tal-gwerra, l-aktar jekk hi gwerra f'isem kawża qaddisa.


*Il-Waqa' ta' Damietta*


*Arnaldo Fortini*

Il-Kruċjati sabu l-belt mhix imġarrfa u sabu teżori kbar li mill-ewwel ippruvaw jaħkmu. Kien hemm konfużjoni sħiħa u s-suldati inxteħtu fuq ir-rikkezzi bla kontroll. Huma bdew ukoll jokkupaw l-artijiet madwar il-belt, u żguraw li l-flotta Kruċjata kellha t-triq miftuħa għall-baħar.

Fil-ftit xhur wara li ħakmu Damietta, beda inkwiet kbir għall-Kruċjati. Jean de Brienn ippretenda li Damietta tkun parti mir-Renju ta' Ġerusalemm, imma l-Kardinal Pelagius ma riedx. Il-kavallieri Templari u Ospedalieri rvillaw kontra Pelagius u marru għan-naħa tar-Re, u kienu biss it-Taljani li baqgħu jappoġġjaw lill-Kardinal. Fit-toroq tal-belt kien hemm ġlied u nuqqas ta' ordni. Bil-mod il-mod, il-Kruċjati bdew inaddfu l-belt mill-effetti tal-gwerra u tal-mard, biex hekk nhar il-Gandlora, fit-2 ta' Frar 1220, huma daħlu trijonfalment f'Damietta u qasmu l-belt fi kwartieri għal kull grupp ta' Kruċjati. L-Ordnijiet mendikanti wkoll ingħataw knejjes għalihom. Il-Minuri irċevew knisja fil-kwartier tal-Kruċjati ta' Bologna u Lucca. Skont l-istoriku Arnaldo Fortini (*Nuova vita di S. Francesco*), nafu bl-eżistenza tagħha minn dokument tad-19 ta' Ġunju 1220, li jitkellem minn post *iuxta ecclesiam in qua abitant fratres Minores* (maġenb il-knisja fejn jgħixu l-patrijiet Minuri).

Fit-2 ta' Frar 1220 saret il-purċissjoni tad-dħul solenni fil-belt, immexxija mill-Kardinal Pelagius, li ċċelebra l-quddiesa f'dik li qabel kienet il-moskea l-kbira tal-belt u li issa saret il-kattidral iddedikat lill-Verġni Marija. Ma nafux jekk San Franġisk kienx preżenti għal din iċ-ċerimonja solenni. Bosta storiċi mhumiex tal-fehma li kien għadu Damietta f'dak iż-żmien, u li telaq minn hemm wara li l-Kruċjati rebħu l-belt. Imma fuq dan nitkellmu fis-sezzjoni li jmiss.

Il-kumplament tal-istorja tal-Ħames Kruċjata ma kienet glorjuża xejn, u nirrakkontawha biss fi ftit kliem. Jean de Brienne telaq minn Damietta biex jieħu f'idejh it-tron tal-Armenja, u din kienet okkażjoni biex il-Kardinal Pelagius jiddomina s-sitwazzjoni. Sadanittant l-armata ta' al-Kamel kienet demoralizzata. Is-Sultan kien jinsab al-Mansourah, jistenna li l-Kruċjati javvanzaw fuq il-Kajr. Imma dawn ma kinux aktar lesti għal strateġija

militari organizzata. Il-fatt li akkwistaw Damietta daħħalhom f'qagħda ta' sigurtà li kellha tkun ir-rovina tagħhom. Ingħataw għall-ġlied, sokor u tbaħrid. Pelagius ma kienx kmandant militari imma ekkleżjastiku inkompetenti fl-arti tal-gwerra. Il-Kruċjati ddeċidew li jistennew lill-Imperatur Federiku II, li suppost kellu jiġi b'armata Kruċjata fl-1221, imma hu qatt ma wasal. Minflok bagħat lil Ludoviku ta' Bavaria f'Mejju 1221 b'armata tajba.

Pelagius iddeċieda li jattakka l-Kajr, imqawwi bil-wasla ta' dawn ir-rinforzi. Ir-Re Jean ġie lura fis-7 ta' Lulju u reġa' ma qabilx miegħu. Fis-17 ta' Lulju l-armata ħarġet minn Damietta u bdiet timmarċja lejn in-nofsinhar. Iltaqgħu mal-armata Eġizzjana ħdejn l-għadira ta' Manzalah, fil-fergħa tan-Nil jisimha Bahr as-Saghir. Imma ma ntebħux li waqgħu ġo nassa. Biex waslu hemm kienu qasmu kanal xott. Pelagius lanqas kien ħa miegħu provvviżjonijiet suffiċjenti għall-armata, għax ħaseb li l-battalja kellha ddum ftit. Imma Mansourah ma waqgħetx kif ġieb u laħaq. F'Awwissu x-xmara Nil bdiet timtela u tfur. Al-Kamel seta' jibgħat l-iġfna tiegħu fix-xmara u jimblokka lill-Kruċjati milli jġibu l-provviżjonijiet. Fis-26 ta' Awwissu l-armata Kruċjata bdiet tirtira mingħajr ma ġġieldet. Imma sabet quddiemha diżastru, għax l-ilma kien għola u għatta l-kanal li kienu qasmu. Is-Sultan ordna li l-armata tiegħu tmur warajhom. Il-Kruċjati, l-aktar l-Ordnijiet militari, offrew reżistenza, imma kienu nofshom fis-sakra bid-disperazzjoni. Pelagius ħarab fuq ix-xmara u reġa' mar Damietta u abbanduna l-armata Kruċjata. Fl-aħħarnett kellu jċedi quddiem al-Malek al-Kamel, li din id-darba ma reġax wiegħed li jagħti Ġerusalemm lill-Kruċjati u ordnalhom iħallu l-Eġittu. Ftiehmu għal tmien snin ta' waqfien mill-ġlied u al-Kamel qalilhom li kien se jagħtihom lura r-relikwa tas-Salib, imma din ma nstabitx. Al-Kamel sellem lir-Re Jean bl-unuri kollha u fit-8 ta' Settembru 1221 l-armata Kruċjata telqet fuq l-iġfna u ħalliet l-Eġittu. Al-Malek al-Kamel reġa' daħal Damietta u hekk intemmet il-Ħames Kruċjata.

## Fejn mar San Franġisk wara l-waqgħa ta' Damietta?

Din hi mistoqsija importanti, li biha rridu nikkonkludu din il-mixja li għamilna ma' San Franġisk fl-okkażjoni tat-8 ċentenarju mill-miġja tiegħu fl-Orjent u mil-laqgħa tiegħu mas-Sultan al-Malek al-Kamel. L-istudjużi moderni ma jaqblux bejniethom fuq dak li ġara wara l-1219. L-iskop tagħna hu li naraw xi jgħidu l-Fonti medjevali li jitkellmu dwar it-tmiem tal-vjaġġ ta' San Franġisk fl-Orjent, u nikkonkludu bit-teżi ta' Girolamo Golubovich bħala possibbiltà li tista' tiġi aċċettata bħala storikament korretta.

Wieħed mill-kronisti importanti ta' San Franġisk u tal-missjonijiet Franġiskani tal-bidu hu fra Giordano da Giano, li




*Ġerusalemm Kruċjata*



*Faċċata Kruċjata tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, kif seta' jaraha San Franġisk*

fl-1260 kiteb *Kronaka* li fiha jirrakkonta l-wasla ta' fra Elia f'*Outremer* bħala ministru tal-Provinċja tas-Sirja, u anke l-mawra ta' San Franġisk fl-Orjent. Hu jirrakkonta kif Franġisku ltaqa' mas-Sultan fit-13-il sena mill-konverżjoni tiegħu (jiġifieri fl-1219) meta "imħeġġeġ bix-xewqa tal-martirju, hu qasam il-perikli tal-baħar lejn l-artijiet tal-infidili u mar għand is-Sultan."

Giordano da Giano jkompli: "Meta iddeċieda li jaqsam il-baħar fil-kumpanija ta' fra Pietro Cattanio, espert u mgħallem tal-liġi, l-imqaddes Franġisku ħalla warajh żewġ vigarji: fra Matteo da Narni u fra Gregorio da Napoli. Ried li fra Matteo jibqa' Santa Marija tal-Porziuncola, biex jilqa' lil dawk l-aħwa li jiġu fl-Ordni, u li fra Gregorio jdur l-Italja biex ifarraġ lill-patrijiet" (*Chronica fratris Iordani a Iano*, in *Analecta Franciscana*, I, 11).

Ikompli jgħid li wieħed fra lajk, li Golubovich jgħid li kien jismu fra Stefano da Narni, ġie bil-moħbi mill-Italja b'kopja tal-liġijiet dwar l-astinenza li kienu ħarġu l-vigarji tal-qaddis meta ċċelebraw kapitlu bla ebda awtorizzazzjoni, u urihom lil San Franġisk u lil Pietro Cattanio. Hu qal lil San Franġisk li l-Ordni kien ta' taħt fuq mingħajr il-preżenza tiegħu. Għaldaqstant "l-imqaddes Franġisku ħa miegħu lil fra Elia, lil fra Pietro Cattanio, u lil fra Cesario (minn Speyer), u flimkien ma' aħwa oħrajn reġa' lura l-Italja" (*Chronica*, 14).

Dan ir-rakkont jixħet xi ftit dawl dwar dak li seta' ġara. Il-fra li ġie mill-Italja wasal ħdejn San Franġisk lejn il-bidu tas-sajf tal-1220, jekk naċċettaw il-possibbilità li ż-żewġ vigarji ċċelebraw il-kapitlu mingħajr awtorizzazzjoni f'Pentekoste ta' dik is-sena. Ma ninsewx li l-iġfna tal-Kruċjati kienu jaqsmu l-Mediterran fl-istaġun bnazzi, jiġifieri mir-rebbiegħa, u tul is-sajf kollu sa tmiem Settembru. Mela, jew dan il-fra wasal f'Settembru 1219 u San Franġisk irritorna l-Italja malajr malajr qabel l-għeluq tal-istaġun, inkella ġie fir-rebbiegħa tal-1220. Għalkemm bosta studjużi jridu li Franġisku rritorna l-Italja mill-ewwel, Golubovich ġustament ma jaqbilx, u jippreferi l-1220.

Fejn kien jinsab San Franġisk meta ġie l-fra li ġablu l-aħbarijiet? Nafu li hu ma damx ħafna Damietta wara l-laqgħa tiegħu mas-Sultan. Forsi baqa' hemm

sal-5 ta' Novembru 1219, meta l-Kruċjati ħadu l-belt u hemm min isostni li dam anke sat-2 ta' Frar 1220, meta daħlu trijonfalment. Imma żgur li fis-sajf tal-1220 Franġisku kien jinsab Akri fejn Elia kellu r-residenza tiegħu bħala *minister Syriae*. B'hekk hu seta' irritorna lejn l-Italja fis-sajf tal-1220. Fil-fatt, nafu li, malli wasal l-Italja, San Franġisk laqqa' lill-patrijiet għal kapitlu ġenerali fil-festa ta' San Mikiel Arkanġlu, 29 ta' Settembru 1220, li fih hu rreżenja mit-tmexxija tal-Ordni u ħalla t-tmexxija f'idejn fra Pietro Cattanio, li ħatru bħala vigarju tiegħu.

X'kien qed jagħmel San Franġisk f'Akri bejn Frar u s-sajf tal-1220? Kienu xhur li fihom hu seta' jwettaq il-ħolma tiegħu, jiġifieri li jżur il-Postijiet Qaddisa u l-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm. Naraw xi jgħid Golubovich li jiddefendi din il-possibbiltà fuq bażi storika.

## San Franġisk fl-Art Imqaddsa

Golubovich jikkwota silta minn kitba polemika ta' fra Angelo Clareno (1248-1337), wieħed mill-patrijiet *Spiritwali* tal-bidu tas-seklu 14, li fl-1325/26, jiġifieri mitt sena wara l-mewt ta' San Franġisk, kiteb *Chronicon seu Historia septem tribulationum Ordinis fratrum Minorum* (*Kronaka jew Storja tas-seba' tribulazzjonijiet tal-Ordni tal-patrijiet Minuri*). Fil-Prologu ta' din l-opra Clareno kiteb hekk:

"It-tielet darba, wara bosta tiġrib, impedimenti, swat u taħbit, (Franġisku), bir-rieda ta' Kristu, mar quddiem is-sultan ta' Babilonja (al-Malek al-Kamel). Waqt li kien quddiemu, imħeġġeġ kollu kemm hu mill-ħuġġieġa tal-Ispirtu s-Santu, kellmu dwar Kristu Ġesù u dwar il-fidi evanġelika tiegħu b'tant qawwa u ħeġġa tal-kelma, li s-Sultan u dawk li kienu preżenti miegħu baqgħu mistagħġbin. Għall-qawwa tal-kelmiet li Kristu kien qed jgħidlu, is-Sultan, imqanqal għall-manswetudni, ta widen bil-qalb kollha; mhux biss, imma kontra dak li kienet tordna l-liġi misħuta tiegħu, hu stiednu b'insistenza biex jieqaf joqgħod fl-artijiet tiegħu u ta ordni li hu u l-patrijiet tiegħu, liberament, u mingħajr ma jħallsu l-pedaġġ, setgħu jmorru fil-Qabar ta' Kristu."

Hemm diversi studjużi li jiċħdu din il-possibilità, għax jgħidu li Angelo Clareno kiteb mitt sena wara San Franġisk u l-*Kronaka* tiegħu mhix dejjem affidabbli. L-istudjuż Giulio Basetti-Sani kien kiteb artiklu li fih wera li kien impossibbli li San Franġisk imur iżur il-Qabar ta' Kristu, għax kien hemm skomunika papali kontra l-pellegrini li jersqu lejn Ġerusalemm u jħallsu t-taxxi lis-Saraċini, fil-Bolla ta' Onorju III, *Cum carissimi*, tal-24 ta' Lulju 1217 (*San Francesco è incorso nella scomunica? Una bolla di Onorio III e il supposto pellegrinaggio del Santo a Gerusalemme*, in *Archivum Franciscanum Historicum* 65 (1972) 3-19).

Golubovich hu tal-fehma li ż-żjara ta' San Franġisk fil-Qabar ta' Kristu kienet possibbli u li Franġisku ma waqa' fl-ebda skomunika. Dan għaliex rajna li s-Sultan al-Malek al-Kamel kien ta *signaculum*, firman, lilu u lill-patrijiet Minuri, biex jivvjaġġaw liberament fit-territorji tiegħu (inkluża l-Art Imqaddsa u Ġerusalemm), mingħajr ma jħallsu l-pedaġġ lill-Musulmani. Fil-każ tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, li kienet magħluqa għall-pellegrini, imma li fiha setgħu jidħlu jitolbu jekk iħallsu l-pedaġġ lill-purtinari Musulmani, San Franġisk seta' jidħol bħala pellegrin fqir, mingħajr flus, u bil-permess tas-Sultan. U l-istess seta' jagħmel f'Betleħem u postijiet oħrajn. Mela, kemm iż-żmien li fih kien jinsab f'Akri kif ukoll iċ-ċirkustanzi storiċi jippermettu l-possibbiltà vera li San Franġisk seta' mar iżur il-Qabar ta' Kristu.

Hemm saħansitra silta fil-*Chronica XXIV Generalium* li ssemmi kunvent tal-Franġiskani qrib Antjokja fis-Sirja, f'post imsejjaħ

*Montana Nigra* (*Montagna Nera*), fejn kien hemm foresta, li qabel kien monasteru tal-Benedittini, imma li mbagħad saru kollha Franġiskani. Il-fatt ma jidhirx li seħħ waqt il-ħajja ta' San Franġisk, imma hu xhieda li l-patrijiet Minuri kienu tferrxu minn Akri u marru anke f'postijiet oħrajn fis-Sirja. Fil-fatt, fl-1 ta' Frar 1230, erba' snin biss wara l-mewt ta' San Franġisk, il-Papa Girgor IX bagħat il-Breve *Si Ordinis fratrum Minorum*, indirizzata lill-Patrijarka ta' Antjkokja, li fiha jħeġġu jwissi lill-isqfijiet kollha tal-Orjent biex jaġevolaw il-ħidma missjunarja tal-patrijiet Minuri. Sena qabel, fl-1229, il-patrijiet kellhom l-ewwel kunvent tagħhom f'Ġerusalemm, dokumentat minn Ricoldo di Monte Croce lejn tmiem is-seklu 13, waqt il-ftehim ta' waqfien mill-ġlied bejn Federiku II u al-Malek al-Kamel. Dan il-kunvent dam sal-1244 meta t-Torok Kwareżmjani nvadew Ġerusalemm u qatlu lill-patrijiet. Il-kunvent ta' Antjokja dam sal-1268 meta din il-belt Kruċjata ntrebħet mis-Sultan Baibars al-Bunduqdari.

Dawn id-dokumenti huma leġġendarji? Ċertament ma nistgħux naqblu mat-tradizzjoni li San Franġisk kien żar il-*Montana Nigra* meta kien jinsab Akri. Il-preżenza Franġiskana f'Antjokja ma tmurx lura għal żmienu, imma l-fatt li seħħet ftit snin biss wara l-mewt tiegħu hu indikazzjoni li l-attività ta' Franġisku u tal-patrijiet li kienu Akri ma kinitx waħda passiva.

Golubovich jikkonkludi li San Franġisk irritorna l-Italja almenu lejn tmiem is-sajf tal-1220. Hu jasal biex itawwal iż-żmien sal-1221, imma dan ifisser li ma jkunx possibbli nirrikonċiljaw il-fatti storiċi, għax Pietro Cattanio kien vigarju tal-qaddis fl-Italja mid-29 ta' Settembru 1220 sa ma miet fl-10 ta' Marzu 1221, u mbagħad warajh sar vigarju fra Elia ta' Cortona. Mela San Franġisk bilfors li mar lura l-Italja f'Settembru 1220, imma wara li kellu l-possibbiltà li jżur u jitlob fil-Qabar ta' Kristu. Jekk hu veru li ma għandna l-ebda xhieda dokumentarja ta' dan il-fatt fil-Fonti tas-seklu 13, is-skiet tagħhom ma jfissirx li l-fatt ma seħħx. Ma ninsewx li l-iskop tal-kronisti Kruċjati ma kienx dak li jitkellmu dwar San Franġisk, u jsemmuh biss *en passant*. Il-bijografiji jitkellmu dwar iż-żjara ta' San Franġisk għand is-Sultan al-Malek al-Kamel, u ma jsemmu xejn la dwar Akri u lanqas dwar l-Art Imqaddsa, għax dan ma kienx l-iskop tal-aġjografi li riedu pjuttost juru lil San Franġisk li mar l-Orjent biex imut martri għal Kristu.

## Konklużjonijiet

Din il-ħarsa lejn avveniment li seħħ 800 sena ilu u li kien uniku fl-istorja tal-Kristjanità twassalna biex, qabel xejn, nibqgħu impressjonati bl-ammont ta' dokumentazzjoni li għandna li, b'xi mod, issemmi l-laqgħa ta' San Franġisk mas-Sultan al-Malek al-Kamel tal-Eġittu. L-istudji li saru dwar din il-ġrajja huma bla tarf, u naturalment il-bibliografija tiżdied f'din is-sena ċentenarja li rat ċelebrazzjonijiet partikulari fl-istess Damietta u f'Ġerusalemm. Forsi l-iskop



*Il-laqgħa tal-Franġiskani mill-awtoritajiet Musulmani ta' Ġerusalemm*

ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet hu dak li jissaħħaħ is-sens ta' djalogu inter-reliġjuż, speċjalment bejn il-Kristjaneżimu u l-Islam. Imma storikament il-fatt taż-żjara ta' San Franġisk fl-Orjent kellu skopijiet oħra.

L-istudjuż Girolamo Golubovich kien pijunier fl-analiżi xjentifika tal-fonti dokumentarji dwar il-bidu tal-preżenza Franġiskana fl-Orjent. Veru li minn żmienu saru studji approfonditi minn esperti oħrajn, imma ma nkunux nagħmlu ġustizzja lil dan l-istudjuż benemeritu meta ngħidu li hu kellu l-iskop li jiddefendi t-teżi tiegħu dwar il-provi storiċi tal-preżenza tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa a skapitu tal-verità storika.

Hu żball li aħna nippreżentaw lil San Franġisk bil-mentalità tagħna. San Franġisk kien frott ta' żmienu. Trabba fil-mentalità Kruċjata. Kien mgħallem li l-konverżjoni tal-Misilmin kienet dmir fuq kull Kristjan. Ċertament hemm qabża bejn Franġisku żagħżugħ li ried imur mal-Kruċjati bix-xabla ħalli jsir kavallier, u Franġisku pellegrin fqajjar li jippreżenta ruħu fost il-Kruċjati bl-arma tal-Kelma ta' Kristu u tal-eżempju ta' ħajja qaddisa. Imma ma nkunux korretti li nagħmlu minn Franġisku l-qaddis tal-paċi li kkundanna lill-Kruċjati u tħabbeb mal-Misilmin. Ma ninsewx li l-mentalità "fundamentalista" Kruċjata kienet ukoll preżenti fost is-Saraċini, u li l-qabża li għamilna fi żminijietna għadha forsi ma ġietx reċiprokata b'mod sodisfaċenti. Franġisk mhux paċifista ateu. San Franġisk hu bniedem Kristjan. Ippreżenta ruħu quddiem is-Sultan bħala Kristjan, imma kien ukoll bħala Kristjan li wera lilu nnifsu fost il-Kruċjati.

Il-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa daħlet ċertament bħala alternattiva wara l-falliment tal-Kruċjati. Tassew li l-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa b'mod stabbli ma nistgħux niddokumentawha qabel l-ewwel kwart tas-seklu 14. Imma fl-ewwel mitt sena tal-ħajja tal-Ordni kien hemm patrijiet preżenti fl-Orjent: f'Akri, Ġerusalemm, Ċipru, Sirja. Minn fejn ġew dawn il-patrijiet? Min kien bagħathom? U għaliex dejjem insibuhom bħala parti mit-tessut politiku u soċjali tal-Kruċjati? Għas-sempliċi raġuni li l-patrijiet Minuri kienu jgħixu f'dinja u kultura li kienet hekk. Li nitkellmu dwar il-medjuevu bħala perjodu ta' vjolenza u kultura retrograda hu insult għall-medjuevu u għall-istess għeruq Kristjani tal-Ewropa.

F'dan l-isforz ta' Kristjanità fil-pajjiżi lil hinn mill-baħar, San Franġisk u l-Ordni li waqqaf kellhom rwol importanti. L-istoriċi moderni ppruvaw kemm il-darba jitkellmu minn dan il-fenomenu bħala aċċident marġinali tal-istorja traġika tal-Kruċjati, imma fil-fatt dan kien fenomenu li beda era ġdida fl-istorja tal-Kristjanità. U prova ta' kemm irnexxa hu sempliċement li l-"patrijiet tal-ħabel", kif inhuma magħrufa l-Franġiskani fl-Orjent, qatt ma abbandunaw il-preżenza tagħhom f'dawn l-artijiet. Donnu hemm rabta li ma tinħallx u li ssib l-għeruq tagħha fil-passi tar-raġel fqajjar Franġisk t'Assisi, li fl-1219, eżattament 800 sena ilu, irnexxielu jaqta' x-xewqa ta' ħajtu li jara b'għajnejh u jmiss b'idejh il-qawwa ħajja tal-Vanġelu. Franġisku ma għamel xejn ġdid għal żmienu. Franġisku ħoloq metodu ġdid, jekk irridu. Metodu ta' preżenza li rnexxa proprju għax kien frott ta' xewqa sinċiera li biddlet l-armata tax-xwabel u kavallieri Kruċjati f'armata ta' pellegrini fqajrin imħażżmin b'ħabel li għal 8 sekli għexu bħala missjunarji fl-"artijiet lil hinn mill-baħar."



# IL-PENTATEWKU L-EWWEL ĦAMES KOTBA TAL-BIBBJA

*Fr Charles Buttigieg*

*"Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art: u kienet l-art taħwid u baħħ; u d-dlam kien fuq wiċċ l-abbissi u fuq wiċċ l-ibħra kien jittajjar l-ispirtu ta' Alla." (Ġenesi 1:1-2)*

Il-kelma 'Pentatewku' ġejja mill-Grieg *penta* u *teuchos* li tfisser ħames ċilindri li fihom kienu jitqiegħdu il-parċmini tal-ewwel ħames kotba tal-Antik Testment, il-Ġenesi, l-Eżodu, Levitiku, Numri u Dewteronomju, *he pentateuchos biblos*. Il-Lhud kienu jsejħulhom 'il-Liġi' jew 'it-Torah' jew 'Tagħlim' (li tfisser 'tgħallem' mill-verb *yarah* li litteralment ifisser 'tixħet vleġġa' jew 'turi indikazzjoni') u kienu attributi lil Mosè bħala l-ewwel profeta. L-isem *pentateuchus* użah għall-ewwel darba Tertuljanu fit-tieni seklu W.K. Iżda Ġużeppi Flavju (37-100 A.D.), f'*Contra Apionem* jgħid li dawn l-ewwel ħames kotba huma ta' Mosè. Il-Pentatewku nkiteb f'diversi zminijiet differenti u ħa ċertu proċess sabiex issawwar kollu kemm hu. Skont Wellhausen f'dawn il-kotba hemm erba' tradizzjonijiet li huma Jahwista (J), Elohista (E), Saċerdotali (P, Priester Codex) u dik Dewteronomista (D) u jieħdu isimhom għall-materjal li huma jirriferu dejjem għalih. Dawn inkitbu f'perjodi u fi postijiet differenti. Il-Jahwista li ssemmi lil Alla bhala Jahweh inkitbet fis-saltna ta' Ġuda jiġifieri f'dik ta' Israel fi żmien is-sultan Salamun (950 Q.K). L-Elohista li ssemmi lil Alla bħala Elohim inkitbet fis-saltna ta' fuq fi żmien il-profeti għall-ħabta tas-sena 800 Q.K. Ir-redazzjoni Saċerdotali nkitbet fi żmien l-eżilju ta' Babilonja (550-500 Q.K.) u dik Dewteronomista qabel l-eżilju marbuta mar-riforma ta' Ġosija fis-sena 622 Q.K..

Xi biblisti jaraw il-Pentatewku, Ġożwè, Imħallfin, 1-2 Samwel u 1-2 Rejiet bħala unità letterarja msejħa Enneatewku (għal numru ta' disa' kotba). Oħrajn jitkellmu mill-Esatewku fejn jinkludu lil Ġożwè mal-kotba tal-Pentatewku, u oħrajn isostnu t-teorija tat-Tetratewku u jeskludu d-Dewteronomju.

Studjużi oħra dwar l-iżvilupp tal-Pentatewku huma Gunkel (1932, l-istorja tal-forom letterarji, *Formgeschichte*), Spinoza (1677), Witter (1715), Astruc (1766), Vater (1826), Ewald (1875), de Wette (1849), Reuss (1891), Wellhausen (1918), Alt (1956), Noth (1968), Thompson, Rendtorff, Van Seters, Cross (2012) u Von Rad (1971, l-istorja tat-tradizzjoni, *Traditionsgeschichte*).

## Il-Ġenesi

L-ewwel ktieb tal-Bibbja jismu l-Ġenesi għaliex



proprju jibda bil-kelma li tfisser 'fil-bidu', bl-Ebrajk *Bereshith*: "Fil-bidu Alla ħalaq *barà* is-sema u l-art". Il-verb Ebrajk *barà* jappartjeni biss lil Alla li ħalaq mix-xejn, *ex nihilo* u ħalaq kollox tajjeb *tob*. Il-ħolqien minn Alla huwa uniku mqabbel mar-rakkonti tal-kreazzjoni li nsibu fil-qedem bħal Enuma Elish, ta' Atum, ta' Khnum, ta' Marduk, u fl-epika ta' Atrahasis u ta' Gilgamesh. Il-Ġenesi huwa ktieb in-nisel u naraw fih l-istorja twila tal-Patrijarki. Huwa ktieb twil li fih ħamsin kapitlu. Insibu r-rakkont tal-Holqien (1:1-2:4), tal-univers, tad-dinja u tal-bniedem fejn naraw il-bniedem maħluq xbieha ta' Alla u imqiegħed bħala sid fuq l-annimali: "u skont ma jkun il-bniedem semma' lil kull ħliqa ħajja, dak ikun isimha" (2:19). Fl-ewwel jum Alla ħalaq id-dawl (bl-Ebrajk: *yehi*) u firdu mid-dlam, fit-tieni jum ħalaq is-sema u l-baħar, fit-tielet jum ħalaq l-art, fir-raba' jum ħalaq ix-xemx, il-qamar u l-kwiekeb, fil-ħames jum ħalaq l-għasafar u l-ħut u fis-sitt jum ħalaq l-annimali u l-bniedem u fis-seba' jum Alla waqaf mix-xogħol kollu li kien għamel: "u Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihetu, fuq xbihet Alla ħalqu, raġel *'ish* u mara *'ishshah* ħalaqhom" (1:27).

Insibu r-rakkont tal-ewwel dnub ta' Adam (minn *adamah* li tfisser art) u Eva (*Chavvah* minn *chajah* li tfisser 'ħajja') fil-Ġnien tal-Eden *Gan Eden*, l-istorja ta' Kajjin (bl-Ebrajk *qayin*, il-mara tiegħu kien jisimha Awan) u Abel (mill-verb *hevel* li tfisser 'nifs'). Ir-rakkonti ta' Matusala (il-mara tiegħu kienet Edna) in-nannu ta' Noè u li huwa l-ixjeħ bniedem fil-Bibbja li għex 969 sena; Noè (*Noach* li tfisser restawrazzjoni) bin Lamek (Gen 5:28) – skont il-Ktieb tal-Ġubilej il-mara kien jisimgħa Emzara waqt li fit-tradizzjoni Ġudajka kien jisimha Naamah u dik ta' Lamek kienet Betenos – u l-arka *qeshet* li wara strieħet fuq il-muntanja Ararat, id-dilluvju u l-qawsalla u t-tfal ta' Noe. Sem li jkollu ħamest itfal fosthom Arfaxad missier Kainan u Sela (li huma d-dixxendenti ta' Abram permezz ta' Eber, Peleg, Reu, Serug, Nahor u Terah) u Goktan missier Obal; Ham (il-mara kien jisimha Egyptus ikollu erbat itfal fosthom Kux missier Nimrod, Put u Kanaan; u Gafeth li jkollu tmint itfal fosthom Gavan (Gen 7-11). It-torri (migdal) ta' Babel (balal tfisser konfużjoni) fil-pjanura ta' Shinar fil-Mesopotamja (jew iz-ziqqurat tas-Sumeri (li tfisser id-dar li tgħolli rasha) ta' Babilonja, li tfisser konfużjoni mill-verb 'balal') ta' Abraham (Avraham) iben Terah bin Nahor bin Serug (mil-linja ta' Arfaxad, skont it-Talmud ta' Babilonja omm Abraham kienet 'Amthlai' bint 'Khrubu') u l-mara tiegħu, ħuh Nahor (11:27), il-patt sagru taċ-ċirkonċizjoni (berith milah), il-qaddejja tiegħu Hagar u t-tifel Izmael, il-qerda ta' Sodoma u Gomorrah qrib il-Baħar il-Mejjet (kienu fil-fatt ħamest ibliet imsejħa pentapoli: Sodoma, Gomorra, Adma, Seboim u Bela Soar), Lot (il-mara kien jisimha 'Ado') bin Haran in-neputi ta' Abraham u t-tfal tiegħu Moab u Benammi, u fuq kollox l-istorja importanti tat-tliet patrijarki prinċipali Abraham, Izakk (Jitzhaq li tfisser 'daħka') u





Gakobb (Ja'aqov mill-verb aqev) mill-kapitli 12 sa ħamsin. Hemm isemmija l-episodji marbuta ma' Abraham bin Terak minn Ur tal-Kaldej fil-Mesopotamja t'isfel fi żmien il-medju tal-Bronż II madwar id-19-il seklu Q.K. (illum Tell el Muqagħar fl-Iraq), Harran, Sikem, f'Gerar, Birsaba, Hebron u Mambre qrib Hebron mill-kapitli 12 sal-25 li jinkludi fih is-sagrifiċċju ta' Iżakk (imsejjaħ 'aqedah' jew rabta) li kien ser jagħmel Abraham fuq l-għolja Morija (identifikata bħala l-għolja ta' Sijon) u s-saċerdot ta' Salem (marbuta ma' Ġerusalemm) Melkisedek u l-laqgħa tiegħu ma' Abraham fejn joffrilu l-ħobż u l-inbid filwaqt lil Abram jagħtih l-għexur. F'Ġenesi 17:2-8:13 insibu il-patt taċ-ċirkonċiżżjoni. Hawnhekk ninsabu madwar 4000 sena ilu fi żmien Hammurabi tal-Mesopotamja. F'Ġenesi 25 wara l-mewt ta' Sara fl-età ta' 127 sena naraw lil Abram jiżżewweġ lil Keturah u jkollu lil Zimran, Jokshan, Medan, Midian, Ishbak u Dedan.

F'Ġenesi 25:7 naraw il-mewt ta' Abraham meta kellu 175 sena. Fil-kapitli 25 sa 36 naraw l-episodji marbuta mal-aħwa tewmin Ġakobb u Għesaw (jew Edom li tfiiser 'aħmar') fejn Ġakobb bl-għajnuna ta' ommu Rebekka (Rivqah, bint Bethuel u oħt Laban) jieħu il-barka tal-primoġenitura mingħand missieru Iżakk f'Aran (Ġen 27:27-30) u l-ħolma u l-laqgħa ta' Ġakobb ma' Alla f'Betel, qabel kienet Luz (id-dar ta' Alla) 19-il kilometru 'l bogħod minn Ġerusalemm (Ġen 28:12-19) u t-taqbida mal-anġlu (imbagħad beda jissejjaħ Israel (qawwi ma' Alla). Fil-kapitli 37 sa 50 naraw imbagħad l-istejjer marbuta ma' Laban (ħu



Rebekka, il-mara tiegħu kien jismha 'Adinah') li kien jiġi z-ziju ta' Ġakobb, Lija u Rakele (29:35) u mat-tnax-il tifel ta' Ġakobb, Ġakobb jagħmel libsa sabiħa (tunika) lil Ġużeppi u Ġużeppi mibjugħ minn ħutu f'Dotan għall-Egittu u l-miġja tat-tnax-il tribù fl-Egittu ġewwa Goshen fi żmien il-Faraun Ramsese II (37:12-36), fejn naraw ukoll lil Ġakobb ibierek it-tfal ta' Ġuzeppi Efrajm u Manasse mill-mara Egizzjana Asenet. F'38:3-50 naraw lil Ġuda li ħa b'martu wahda Kananeja u kellu tlitt itfal subien: Er, Onan u Shela fejn Er jizzewweg lil Tamar li intant tagħti żewġ ulied lil Ġuda: Perez u Zerah.

F'Ġen 50:26 naraw il-mewt ta' Ġużeppi meta kellu 110 sena u d-difna tiegħu fl-Eġittu eżattament f'Rameses jew Tel el-Daba. Fil-fatt insibu llum dak li jgħidulu 'il-kanal ta' Ġuzeppi', Bahr Yusuf. Fost l-oqbra tal-persunaġġi tal-Ġenesi nsibu l-Għar tal-Patrijarki f'Hebron fejn hemm Adam u Eva, Abraham, Sarah, Isakk, Ġakobb, Esaw, Ismael u Lija; il-moskja Nabi Habeel fis-Sirja fejn hemm midfun Abel; f'Tiberija hemm Set, f'Nakhichevan fl-Armenja fejn hemm Noè, f'Bani Naim fejn hemm Lot, f'Betlehem eżattment f'Rama fejn hemm Rakele; Zilfa u Bilhah fil-qabar tal-matrijarki f'Tiberija; Ġużeppi f'Nablus.

## L-Eżodu

Dan il-ktieb jirrakkonta t-tbatija tal-Lhud fl-Eġittu taħt Ramses II u l-eżodu (il-ħruġ) tagħhom permezz ta' Mosè (Mosheh, salvat mill-ilma; bl-Eġizzjan 'mosis' li tfisser 'iben' mill-Eġittu. Huwa jibda billi jsemmi l-ismijiet 'shemoth'. L-isem Mosè jfisser 'salvat mill-ilma'. Huwa kien salvat mit-tifla 'Merris' tal-Faraun. Skont it-tradizzjoni Ġudajka t-tifla tal-Faraun kien jisimha 'Bitya'. F'dan il-ktieb għandna r-rivelazzjoni tal-isem ta' Alla lil Mosè "Jien li jien" (3:14). Mill-kapitlu 1 sal-15 naraw mela kif Alla ħeles lill-poplu tiegħu li kien qed jgħammar fl-Eġittu, l-istorja tas-sejħa ta' Mosè iben il-levita Amran u Gokebed fil-kapitlu 3, l-għaxar pjagi fil-kapitlu 7, l-ewwel għid (pesah) f'12:1-13:16, il-qsim tal-baħar tal-qasab (fl-ebrajk

għandna jam suf u għalhekk mhux aħmar kif iġġib is-Settanta: (thalassa erythra) fil-kapitlu 14.

Imbagħad naraw l-esperjenza tal-poplu fid-deżert (ba-midbar) tas-Sinaj (Sin kien alla qamar) mill-kapitli 16 sat 18 fejn naraw il-manna (aktarx kienet għasel helu tas-sigar 'tamarix mannifera') u t-tjur, l-ilma mill-blata (ara Salm 95:7-9) u fuq kollox l-għoti tal-għaxar kmandamenti fuq il-muntanja Sinaj jew il-Horeb (illum 'Ġebel Musa', il-muntanja ta' Mosè, għolja 2224 metru, b'rabta mal-Ebrajk 'saneħ' li tfisser nar), dan huma l-għaxar kelmiet (exreh haddebarim). Naraw fuq kollox il-patt li Alla għamel mal-poplu: "Issa, jekk tisimgħu leħni u żżomuu l-patt tiegħi, Intom tkunu l-wirt tiegħi minn fost il-popli kollha" (Eżodu 19:5). Il-kelma Dekalogu gejja mill-Grieg 'deka logoi'. F'Eżodu fil-kapitli 20-24 naraw il-patt ta' Alla mal-poplu (fil-fatt huma msejħa bħala l-kodiċi tal-Alleanza, 'bundesbuch'), insibu l-ligijiet marbuta mal-primoġenitura Erstgeboremer) u l-offerta tal-ewwel frott (23:19), fil-kapitli 32 sa 34 naraw l-infedeltà tal-poplu fl-għoġol tad-deheb u t-tluq mis-Sinaj għal mixja ta' purifikazzjoni ta' erbgħin sena fid-deżert (mis-Sinaj sa Ġeriko) fejn naraw l-ewwel organizzazzjoni tal-ewwel liturgija nomada fid-deżert bil-preżenza tat-tinda tal-laqgħa. F'20;21-29 għandna l-mewt ta' Aronne u Eleażar bhala s-suċċessur tiegħu. F'Eżodu 21:37-22:5 insibu liġijiet li nsibuhom ukoll fil-kodiċi ta' Hammurabi. F'kap 23:10-11 insibu tagħrif dwar is-sena tal-mistrieħ tal-art u dik tal-ħelsien tal-ilsiera.

Il-kapitlu 25 jimmarka il-mewt ta' 24,000 persuna u għalhekk l-għabex tal-ewwel generazzjoni li qasmet il-baħar u li ma kinetx se tidħol fl-Art Imwiegħda ħlief Ġożwè u Kaleb. F'Eżodu 33 Mosè jitlob biex jara l-glorja ta' Alla. F'din il-mogħdija tal-Lhud mill-Eġittu għall-Art Imqaddsa il-poplu telaq minn Ragħmses lejn Tanis, il-Bahar tal-Qasab, lejn Mara, Elim Dofkan, Alus, Rafidim, Haseret, Għesjon-Geber għal Kades Barnija lejn Pumon, Dibon, ix-xmara Ġordan u Ġeriko.

## Il-Levitiku

Il-ktieb jibda billi jsemmi li Alla sejjah lil Mosè, 'vajjiqra'. Huwa il-ktieb tal-qassisin għaliex fih ħafna liġijiet tal-qassisin u l-leviti. F'dan il-ktieb naraw diversi liġijiet marbuta mas-saċerdoti mill-linja ta' Aronne hu Mosè u d-diversi sagrifiċċji bħal l-olokawst (olah) fejn l-annimal kien jinħaraq kollu kemm hu lil Alla għat-tpattija tad-dnub. Fil-kapitlu 1, l-oblazzjoni tal-qamħ, fil-kapitlu 2, is-sagrifiċċji tas-sliem (zebah shelamin), fil-kapitli 3, s-sagrifiċċji tal-purifikazzjoni u sagrifiċċji oħra. F'10:1-20 naraw il-mewt ta' Nadab u Abihu. Fil-kapitlu sittax insibu l-liturġija marbuta mal-Jum tal-Penitenza, il-Jom Kippur (Yom haKippurim). Insibu l-Kodiċi tal-Qdusija; mill-kapitlu 17 sas-26 diversi liġijiet għal-qdusija, liturgiċi, soċjali u legali sabiex iqaddsu lill-poplu.

## In-Numri

Dan huwa l-ktieb il-għadd tal-famiji Lhud u jirrakkonta żewġ ċensimenti fost il-poplu Lhudi speċjalment fl-ewwel erba' kapitli. L-isem tiegħu fl-ebrajk huwa 'be midbar' fil-waqt li fis-Settanta huwa 'arithmoi'. It-tribù ta' Ġuda kellu l-iktar irġiel li setgħu ħjiġġieldu li kienu jgħoddu 74,600 raġel minn popolazzjoni ta'186,400 ruħ, waqt li mit-tribù ta' Dan kien hemm 62,700 raġel minn popolazzjoni ta' 157,600 ruħ. It-tribù ta' Levi kien maqsum f'dawk tal-linja ta' Gerson li kienu jgħoddu 7500 raġel, dawk ta' Kohat li kienu jgħoddu 8600 raġel u dawk ta' Merari li kienu jgħoddu 6200 raġel, it-tliet gruppi kienu t-tfal ta' Levi. Il-leviti mbagħad narawhom f'1 Kronaki 23:2-5 iservu lit-tempju ta' Salamun. Fil-bidu l-ktieb isemmi lid-deżert 'bamidbar'. Fl-ewwel tmien kapitli nkomplu nsibu liġijiet marbuta mal-liturġija saċerdotali u wara

t-tkomplija tal-purifikazzjoni tal-poplu fid-deżert wara li telqu mis-Sinaj. Fil-kapitlu sitta għandna l-wegħda tan-nazrin (mill-kelma 'nazir' li eżattament tfisser 'mifrud' u mogħti lil Alla).

Mill-kapitli 11 sa 20 naraw il-mixja ta' erbgħin sena tal-poplu ta' Alla fid-dezert. F'11:1-3 naraw ir-rivolta u n-nar f'Taberah. F'11:4-34 naraw lil Alla jibgħat il-manna u s-summien. Fil-kapitlu 16:1-35 naraw il-qerda tad-dixxipli tal-levita Kore, Datan u Abriam, li ħaduha kontra Mosè. F'20:22-29 naraw il-mewt ta' Aron u Eleazar bħala s-suċċessur tiegħu. Naraw it-tgergir tal-poplu jkompli jissokta, l-ilma ta' Meribah, is-serp tal-bronż fil-kapitlu 21 u diversi konflitti ma' diversi poli fid-deżert (midbar) bħal l-Edomin, Amurrin immexxija minn Sihon, Midjanin u t-Transġordanja. Ta' min jgħid li s-serp tal-bronż li kien għamel Mosè fid-deżert kien ġie meqrud mis-sultan Eżekija fis-sena 728 Q.K. F'Numri 23:7-24:19 insibu l-erba' profeziji ta' Bagħlam bin Petor (Begħor) dwar l-anġlu u l-ħmara li tkellmet u l-kewkba minn Ġakobb: "Għad titla' kewkba minn Ġakobb, u jqum xettru minn Israel". Mill-kapitli 26 sat 36 naraw it-tieni generazzjoni fl-istennija tiegħu li jidħol fl-Art Imwiegħda fejn fil-kapitlu 27 naraw l-għażla ta' Ġozwè bħala suċċessur ta' Mosè. L-ewwel ġenerazzjoni ġiet miċħuda li tidħol fl-Art Imwiegħda kif rajna fil-kapitli 13 u 14.

## Id-Dewteronomju

Il-Lhud isejħu dan il-ktieb 'debarim' jiġifieri diskorsi u omeliji, bil-Grieg: deuteronomion. Huwa fil-fatt jibda b'dawn il-kelmiet. Huwa fuq kollox il-ktieb tal-Liġi (eżattament tat-Tieni Liġi) u ħa l-importanza tiegħu meta nstab fit-tempju fi żmien is-sultan Ġozija fis-sena 622 Q.K. Din kienet sejba tassew storika u kbira. Insibu d-diskorsi li għamel Mosè, id-Dekalogu fil-kapitlu 5. Fil-kapitli 12 sa 26 insibu il-Liġi Dewteronomista. F'Dt 6:20-25 u 26:5-10 għandna l-professjoni tal-fidi Ebrajka, il-Kredu tal-Lhud, ix-Shema, Jisra'el, Adonaj Elohenu, Adonaj echad'. (ara ukoll Ġożwè 24:2-13). F'Dt 25, 5-10 insibu il-famuża liġi tal-levirat (mil-levir li tfisser ħaten). Insibu fuq kollox diversi eżortazzjonijiet speċjalment qabel ma l-poplu daħal l-Art Imwiegħda u l-mewt ta' Mosè fuq il-muntanja Nebo tal-Moab (ara Is 15:2 u Ġer 48:22) fil-quċċata tal-Pisġa quddiem Ġeriko u l-Baħar il-Mejjet jew il-Mielaħ (Ġebel Naba, għolja 800 metri qrib Khirbet el-Mukhagħat u Uyoun Mousa fil-Ġordanja) meta kellu 120 sena (ara Dewt 34:1-5). Mosè għalhekk jinsab midfun fil-muntanja Nebo, u Aronne f'Harun qrib Petra. Fil-ktieb insibu diversi projbizzjonijiet bħall-kult lill-allat, kult lejn ix-xemx u l-qamar, tal-prostituzzjoni kultika, tal-kult lil Molok, l-evokazzjoni tal-mejtin u vjolazzjonijiet lejn il-pattijiet ma' Alla.

## Biblijografija


Arnold, B.T., *Genesis*, NCBC, Cambridge 2009.

Ashley, T.R., *The Book of Numbers*, Grand Rapids (MI) 1993.

Bayles Paton, L., "The Holiness Code and Ezekiel", in *The Presbyterian and Reformed Review* 26 (1896) 98-115.

Beauchamp, P., *Creation et separation*, Paris 1969.

Brown, R, (ed.), *The Jerome Biblical Commentary*, London 1985.

Bullard, R.A., "Looking in the Old Testament for the Epic Genre", in *The Bible Translator 64* (2013) 99-111.

Desmond Alexander, T., "From Adam to Judah: the significance of the family tree in Genesis", in *The Evangelical Quarterly* 61 (1989) 5-19.

Ellis, P., *The Man and message of the Old Testament*, Collegeville 1976.

Finn, A.H., "The Mosaic origin of the Pentateuch", in *Journal of the Transactions*

*of the Victoria Institute* 50 (1918) 32-58.

Forsling, J., "The incoherence of the Book of Numbers", in *SEA* 78 (2013) 99-106.

Garcia Lopez, F., *El Pentateuco*, Estella 2003.

Goff, Matthew, "Genesis 1-3 and Conceptions of Humankind in 4Q Instruction, Philo and Paul", in *Genesis 1-3 and Conceptions of Humankind in 4Q Instruction, Philo and Paul*, ed. Craig A. Evans and H. Daniel Zacharias, Library of New Testament Studies 325, London 2009, 114-125.

Gosse, P.H., "On the high numbers in the Pentateuch", in *Journal of the Transactions of the Victoria Institute* 5 (1871) 349-378.

Houston, W.J., *The Pentateuch*, London 2013.

Johnston, L., "Genesis 1 and the Creation myth", in *Scripture* 5 (1953) 142-145.

Lunn, N.P., "Numbering Israel: A rhetorico-structural analysis of Numbers 1-4", *in Journal for the Study of the Old Testament* 35 (2010) 167-185.

Motyer, A., *The Pentateuch and Criticism*, Leicester 1978.

Noth, M., *A History of the Pentateuchal Traditions*, Englewood Cliffs (NJ) 1972.

Noth, M, *Leviticus: A commentary*, *Philadelphia* (PA) 1977.

O'Connell, P., *Science of today and the problems of Genesis*, 1969.

Pardes, I., *The biography of Ancient Israel. National narratives in the Bible*, Berkeley 2000.

Rendtorff, R., *Introduzione all'Antico Testamento*, Torino 1990.

Rodgriguez, A.M., "Leviticus 16: Its Literary Structure", in *Andrews University Seminary Studies* 34 (1996) 269-286.

Romer, Th., *The so called Deuteronomistic History*, London 2006.

Segal, M., "The First Patriarchs: Law and Narrative in the Garden of Eden Story", in *Rewriting and Interpreting the Hebrew Bible: The Biblical Patriarchs in the Light of the Dead Sea Scrolls*, Berlin 2013, 77-100.

Ska, J.L., *Introduzione alla letteratura del Pentateuco*, Bologna 2000.

Sonnet, J-P., "The fifth book of the Pentateuch: Deuteronomy in its narrative dynamics", in *Journal of Ancient Judaism* 3 (2012) 197-234.

Steins, G., *Die 'Bindung Isaaks' im Kanon (Gen 22)*, Freiburg im Bresgau 1999.

Vawter, B., *On Genesis: New reading*, New York 1977.

Waltke, B.K., "Aims of Old Testament criticism", in *Westminster Theological Journal* 51 (1989) 93-108.

Walton, J.H, "The Mesopotamian background of the Tower of Babel account and its implications", in *Bulletin for Biblical Research* 5 (1995) 155-176.

Weeks, N., "The hermeneutical problem of Genesis 1-11", in *Themelios* 4 (1978) 11-19.

Weinfeld, *Deuteronomy and the Deuteronomic School*, Oxford 1972.

Wellhausen, J., *Die Composition des Hexateuchs und der historichen Bucher des Alten Testaments*, Berlin 1899.

Wenham, G., *Numbers*, Sheffield 1997.

Wenham, G., "The Theology of unclean food", in *Evangelical Quarterly* 53 (1981) 6-15.

Wenin, A., *Isacco o la prova di Abramo. Approccio narrativo a Genesi* 22, Assisi 2005.

Wittenberg, G.H., "The relevance of historical geography for Old Testament theology with special reference to Exodus 34:10-26", in *Old Testament Essays* 9 (1996) 334-346.

Zakovitch, Y., *From Gods to God. How the Bible debunked, suppressed or changed ancient myths and legends*, Philadelphia (PA) 2012.



# MOSÈ PROFETA PPRUVAT U MĠARRAB (4)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Mosè ġie mgħobbi b'missjoni u responsabbiltà li wassluh biex minħabba fihom ibati ħafna u ħafna. Bata min-naħa tal-poplu li tah il-ħelsien sħiħ; iżda dan Mosè bata wisq aktar meta l-inkwiet u l-weġgħat kbar kienu ġejjin minn għand in-nies l-aktar intimi miegħu, jiġifieri

ħuh Aron u oħtu Mirjam. Aktar fil għoli minn daqshekk ma tistax tasal! F'dan l-artiklu se naraw xi wħud minn dawn it-tbatijiet f'paragun kemm ma' sħabu l-profeti kif ukoll ma' Kristu nnifsu.

## It-tbatijiet ta' Mosè

Andrè Neher ippubblika ktieb dwar il-fenomenoloġija tal-profetiżmu fil-Bibbja. Huwa kiteb hekk dwar Mosè: Esperjenza ġdida u li dwarha Abraham ma kienx jaf tikkaratterizza lil Mosè bħala profeta. Din hija esperjenza li ddaħħal element essenzjali fil-profetiżmu bibliku.

Mosè huwa l-ewwel li jħoss it-tbatija tas-sejħa ta' profeta. Abraham aċċetta l-istediniet divini kollha mingħajr ebda dubji jew ċaqlieq. Huwa ħalla art il-Kaldin, għamel vjaġġ impost fuqu mill-Mulej u affronta d-diffikultajiet. Ukoll fid-deskrizzjoni għas-sagrifiċċju ta' ibnu, ma hemm ebda kelma dwar dak li kien għaddej minnu. Donnu kien qed jieħu kollox b'fidi assoluta. Huwa profeta ta' ċerta sigurezza.

Għall-kuntrarju Mosè huwa l-profeta tad-dubji, tar-rivolta, tat-tkeċċija u tat-tbatija. Huwa fuqu li aħna kontinwament induru meta nitkellmu mill-profeziji tad-dwejjaq. Anke fiżikament kellu x'jimpedih milli jaċċetta li jkun mexxej. Kien itemtem!

Hawn toħroġ biċ-ċar oppożizzjoni diretta bejn Abraham u Mosè. Abraham huwa profeta mkennen għax kellu l-ilqugħ, Mosè ukoll huwa profeta imma mikxuf, irid jissielet u jiddeċiedi mill-aktar fis possibbli. U kif nafu wħud mid-deċiżjonijiet ta' Mosè kienu tassew diffiċli. Dan kellu jagħmlu Mosè biex iwassal u jdaħħal lill-poplu fl-Art Imqaddsa.

Din hija d-differenza bejn iż-żewġ personaġġi. Ma' Mosè r-rivelazzjoni tieħu karattru traġiku. Abraham għandu stil individwali ħafna; dak ta' Mosè huwa kollu kemm hu miftuħ għan-nies. Abraham





huwa bniedem waħdu; minnu jitwieled il-poplu; ebda taqbid. Il-missjoni ta' Mosè tinvolvih aktar direttament mal-komunità tan-nies. Għalhekk hemm tassew li ħajjet Mosè hi minsuġa bil-konflitti, kliem iebes, ċanfir u tħeddid.

## Il-biża' ta' Mosè

Dan il-leġiżlatur kellu intimità l-aktar kbira u diretta ma' Alla. Kien jitkellem miegħu wiċċ imb wiċċ. Madankollu, l-umanità tiegħu hemm baqgħet marbuta u tissara miegħu. Dan Mosè ta' sikwit kien jibża' li mhux se jkompli l-missjoni afdata lilu. Fil-bidu Mosè bħal intebaħ dwar kif kellhom isiru l-affarijiet u għalhekk ipprova jiskuża lilu nnifsu: "U qal Mosè lill-Mulej: 'Ja sidi, m'iniex kelliem tajjeb jien, u la minn qabel u lanqas mindu kellimt lill-qaddej tiegħek, għax fommi u lsieni tqal" (Eż 4,10).

Ġrajja oħra fejn ħareġ fid-deher li Mosè beża' sew qiegħed fil-lamentazzjoni li battal quddiem Yaħweh meta ra l-ħutu l-Lhud maħqura. "Ja sidi għala mxejt ħażin ma' dawn in-nies? Għaliex bgħattni. Mindu mort għand il-Fargħun biex nitkellem f'ismek qiegħed jaħqar lil dawn in-nies u int xejn ma ħlist il-poplu tiegħek" (Eż 5,22-23). Mosè qatt ma għaddielu minn moħħu li minħabba dawk il-flaġelli hu l-poplu Lhudi li deher ibati! Dan għaliex l-Eġizzjani nfushom kienu jkasbru u jaħqru aktar lil-Lhud.

Mosè immaġina ħelsien faċli tal-Lhud, iżda l-affarijiet inbidlu għal kollox. Beża' tant li staqsa lilu nnifsu; Alla x'għadu jrid minni? Liema triq għad irid imexxini? Bniedem mghobbi bil-fraġilità bħall-oħrajn kien!!!

It-tielet ġrajja: Il-poplu ħadu l-għatx, beda jgerger bis-sħiħ ma' Mosè. "U għajjat Mosè lill-Mulej u qal: 'X'nagħmel lil dan il-poplu? Minn hawn u ftit ieħor iħaġġruni'" (Eż 17,4). Din l-esperjenza xejn sabiħa ta' Mosè wasslitu biex jinduna kemm kien tassew dgħajjef. Minn għalih kapaċi jmexxi sew, madankollu nduna bil-fraġilitajiet kollha tiegħu.

Din il-kwalità ta' biża' u qtigħ il-qalb f'Alla għaddew minnhom ukoll il-profeti, kemm il-kbar kif ukoll iż-żgħar. Bnedmin li, minkejja għażilhom Alla, kellhom jgħaddu minn inċertezzi kbar f'ħajjithom.

## L-inċertezzi ta' Mosè

Mosè. biex item il-ħidma li fdalu Alla kellu jgħaddi minn ħafna qtigħ ta' qalb, inċertezzi u biża', imma bil-għajnuna ta' Alla rnexxielu jirbaħhom. Biss kien għad fadal mumenti tqal quddiemu Mosè, tant li ħabat jaqta' qalbu. Wasal f'waqt ta' inċertezza kbira.

Fil-ktieb tan-Numri naqraw il-ġrajja qalila tan-nuqqas ta' ilma. "Għala tellajtuna mill-Eġittu biex ġibtna f'post mill-agħar bħal dan, fejn ma jikber xejn, la qmuħ, la tin, la dwieli, la rummien; u lanqas ma fih ilma tax-xorb" (Num 20,5). Minn dan il-kliem joħroġ sew kemm in-nies xegħlet bir-rabja kontra Mosè u Aron. Dawn iż-żewġ personaġġi meta ntebħu bil-qilla tan-nies lejhom twarrbu min-nies u nxteħtu fl-art jitolbu 'l Alla.

It-talb magħmul bil-fidi u bil-persważjoni, talb ta'

interċessjoni, Alla jagħti widen tiegħu. Difatti quddiem din l-umiltà ta' Mosè wiċċu fl-art jitlob, Alla kellmu lil Mosè u qallu: "Ħu l-ħatar u iġbor il-miġemgħa, int u Aron ħuk, u kellmu quddiemhom lill-blata, u din tagħti l-ilma tagħha; u hekk int toħorġilhom l-ilma mill-blata, u tisqi lill-ġemgħa u l-bhejjem tagħhom" (Num 20,8).

Mosè ta widen għal dak li amarlu Alla, u hekk kif ħabbat darbtejn fuq il-blata "bdew ħerġin gliegel ta' ilma u xorbu l-ġemgħa u l-bhejjem kollha" (Num 20,11b).

F'dan l-att ta' Mosè donna reġgħu ħarġu fil-beraħ id-dubji u l-inċertezzi ta' Mosè għall-kelma ta' Alla. Kien għalhekk li ħabbat darbtejn. Biss, sewwa li nkomplu niċċaraw li umanament mhux faċli li wieħed iniżżilha mill-ewwel li minn blata daqshekk samma u iebsa se joħroġ l-ilma. Biss ma ninsewx li l-element uman ta' Mosè baqa' jġorru miegħu sal-mewt. U għalhekk l-inċertezzi ta' Mosè wieħed ma għandu xejn jarahom bi kbira.

## Il-paċenzja ta' Mosè

L-aħħar aspett li tant weġġa' u umilja bil-kbir lil Mosè kien in-nuqqas ta' paċenzja li għadda minnu. Biss hu xorta waħda baqa' bniedem iddedikat lil Alla u jafda b'mod qawwi fih.

Il-ġrajja li weġġgħet ħafna lil Mosè kienet oriġinata minn dawk ta' ġewwa stess, jiġifieri ħutu, Mirjam u ħuh Aron. Ir-raġuni wara dan kollu kienet l-għejra. "Mirjam u Aron gergru kontra Mosè minħabba l-mara Kuxija li kien iżżewwiġha. U qalu jaqaw b'Mosè biss tkellem il-Mulej? Ma tkellimx bina wkoll? U sama l-Mulej" (Num 12,1).

Ir-raġuni għaliex dawn iż-żewġt aħwa tkellmu hekk kienet il-misħuta għejra. Kienu huma it-tlieta flimkien li ħadmu, stinkaw u batew flimkien biex ħarġu l-Lhud mill-jasar tal-Eġittu. Biss waslu f'punt li tħabbtu sew bejniethom. Wieħed mir-raġunamenti ta' din il-firda kien il-fatt li Mirjam kienet akbar minn Mosè, allura dehrilha li forsi hi għandu jkollha aktar qawwa fit-tmexxija.

Raġunament ieħor li wassal u nibbet l-għejra tal-firda kien dan. Kienet Mirjam li l-ewwel qagħdet għassa ftit 'il bogħod mill-qoffa li ġo fiha kien hemm it-tarbija Mosè, imbagħad wara






offriet ruħha u qalet lil bint il-Fargħun: "Tridx immur insejjaħlek waħda mill-imreddgħa tal-Għebrej biex treddagħlek it-tarbija?" (Eż 2,7).

Hemm imbagħad it-tielet tfixkil li wassal għal kastig u fl-istess waqt qanqal lil Mosè biex b'qalbu mċarrta tnejn idur lejn Alla u jitolbu ħniena. Din kienet il-kwistjoni tal-komunikazzjoni ma' Alla. Għaliex min ikun profeta Alla kien ikellmu u jidhirlu b'viżjoni u fil-ħolm (Num 2,6). Mhux hekk kien dak ma' Mosè: "Jien inkellmu wiċċ imb wiċċ; inkellmu mhux bix-xbihat, imma bid-dieher; u jara s-sura tal-Mulej" (Num 12,8).

Mirjam refgħet wisq rasha 'il fuq, u waslet biex rewħet ħafna l-firda minn ħuha stess. U hekkhu wasal il-kastig. "Kienet għadha anqas biss telgħet is-sħaba minn fuq it-tinda meta Mirjam inksiet bil-ġdiem, bajda bħas-silġ" (Num 2,10). B'din il-kwalità ta' tixwix Mirjam uriet sew li kienet qed teħodha u tfixkel il-pjan ta' Alla li kien qed jinħadem favur il-poplu tiegħu. Issa min kien jiċċappas b'din il-kwalità ta' marda, dan kien ikollu jġorr konsegwenzi l-aktar kbar u tqal. Mosè kien jafu dan kollu, u għalhekk meta ra lil Mirjam f'dan l-istat qalbu inqasmet.

Quddiem din is-sitwazzjoni hekk ta' biża' u twerwir Mosè reġa' ħaddem bil-qawwa kollha l-virtù kbira tal-paċenzja. Huwa talab bil-qawwa kollha 'l Alla sabiex Mirjam tfieq tassew, sabiex hekk il-paċi u s-serenità jirritornaw mill-ġdid fil-familja. Mosè deher paċenzjuż, tgħallem jgħożż is-skiet u s-sabar u jħalli l-Mulej jagħmel hu. Hekk tixxettel tassew fil-qalb tal-bniedem is-serenità.



# L-ITTRA APPOSTOLIKA "APERUIT ILLIS"

***Marcello Ghirlando ofm***

Nhar it-30 ta' Settembru li għadda, fit-tifkira liturġika ta' San Ġirolmu u fil-bidu tal-1,600 anniversarju minn mewtu, il-Papa Franġisku ħareġ Ittra Appostolika bit-titlu "Aperuit Illis". B'din l-Ittra Appostolika, fil-forma ta' Motu Proprju, il-Papa stieden lill-Knisja Universali biex jiċċelebraw "Ħadd il-Kelma ta' Alla" fit-tielet Ħadd tas-sena liturġika.

It-titlu tal-Ittra Appostolika "Aperuit illis", "fetħilhom" hija riferiment għar-rakkont tal-manifestazzjoni tal-Irxoxt liż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws kif insibuha f'Luqa 24:13-35.

## Fid-Dawl ta' Għemmaws

Għal ħafna minna li kellna x-xorti nżuru l-Art Imqaddsa, il-mixja tad-dixxipli lejn Għemmaws tqanqal fina ħafna memorji sbieħ! Nafu llum li r-raħal ta' Għemmaws, li fih Ġesù daħal għand id-dixxipli Kleofa u Xmun u wera ruħu irxuxtat waqt il-qsim tal-ħobż (Luqa 24, 13-35) hu identifikat mar-raħal Għarbi ta' El-Qubeibeh, li hu bogħod 65 "stadju" minn Ġerusalemm. Fil-qrib hemm il-għolja ta' Nebi Samwel, bis-santwarju li fih iċ-ċenotafju tal-profeta Samwel. Il-Kruċjati kienu jsejħu din l-għolja "Mons Gaudi", il-muntanja tal-ferħ, għax minn fuqha kienu jilmħu għall-ewwel darba l-belt il-qaddisa ta' Ġerusalemm. F'Għemmaws il-Kruċjati sabu fortizza Rumana, li semmewha "Castellum Emmaus". Maġenb il-Knisja tal-Franġiskani għad hemm il-fdalijiet tat-triq Rumana, u rovini ta' bini tal-Kruċjati, li hawnhekk identifikaw ir-rakkont evanġeliku ta' Luqa.

FL-1852 il-Franġiskani skoprew ir-rovini. Fl-1861 il-Markiża Paulina de Nicolay akkwistat il-proprjetà u tatha lill-Franġiskani. Hi stess għexet bħala eremita f'dan il-post u hi midfuna fil-knisja. Il-knisja sabiħa, bi tliet navati, inbniet fl-1902, fuq il-bażilika ta' żmien il-Kruċjati. Fin-navata tat-tramuntana hemm fdalijiet ta' bini Biżantin jew Ruman, li hu identifikat bħala d-dar ta' Kleofa, li skont it-tradizzjoni miet martri hawnhekk. Id-dixxiplu l-ieħor, li Luqa ma jsemmix ismu, hu identifikat ma' Xmun, it-tieni isqof ta' Ġerusalemm.

Kien matul il-Gwerra tal-1939-1945 li l-Franġiskani Taljani, li ġew internati f'Għemmaws mill-qawwiet Inliżi, mandatarji tal-Palestina, bl-inizjattiva tal-arekologu Patri Bellarmino Bagatti OFM għamlu skavi





fiż-żona, u sabu l-fdalijiet Rumani u Kruċjati li semmejna.

Ma nistax hawnhekk ma nagħmilx riflessjoni personali u pastorali. Niftakar li, meta kont ngħix Ġerusalemm darba mxejtha lejn Għemmaws. Kien filgħaxija u wasalt ir-raħal ma' nżul ix-xemx. U jien u nara x-xemx nieżla ftakart fiż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws. Ix-xemx nieżla saret qisha sinjal tal-qtigħ il-qalb tagħhom. Huma li kienu tant ittamaw f'Ġesù. Imma wara l-mewt tiegħu fuq is-salib, kienu ħasbu li kollox kien spiċċa. Telqu lid-dixxipli, u nimmaġina b'qalb tqila, irħewlha lura lejn ir-raħal tagħhom. Bla tama. Ma bkewx...imma sfugaw id-dwejjaq tagħhom billi tkellmu ma' xulxin.

San Luqa jiktbilna kif dik it-tama reġgħet tkebbset ftit ftit huma u jagħmlu esperjenza ta' Ġesù ħaj. Ta' Ġesù rxoxt li, pass wara l-ieħor, jurihom li kien verament ħaj, li kien tassew qam minn bejn l-imwiet! Jurihom lilu nnifsu permezz tal-Iskritturi. U meta jidħol mistieden fid-dar tagħhom, jurihom lilu nnifsu fil-qsim tal-ħobż. Splużjoni ta' ferħ f'dawk il-qlub tagħhom, li issa bħal donnhom twieldu mill-ġdid. Splużjoni ta' ferħ u stagħġib: "Ma kenitx imkebbsa qalbna huwa hu jispjegalna l-Iskrittura fit-triq!" Tkebbis tal-qalb li għenhom jagħrfuh fil-qsim tal-ħobż. X'ma jmorrux lura jiġru lejn Ġerusalemm, anke jekk issa kien bil-lejl, biex jaqsmu mad-dixxipli dak li tiegħu kienu għamlu esperjenza!

Għemmaws: ġrajja ta' żewġ dixxipli. Ġrajja ta' kull dixxiplu. Ta' kull dixxiplu ta' Ġesù li, jekk irid, jiltaqa' miegħu fl-Ewkaristija. Fis-smigħ tal-Kelma ta' Alla. Fil-qsim tal-ħobż. Kull Quddiesa hija l-esperjenza mġedda ta' Għemmaws. Kull quddiesa toffrielna l-okkażjoni li niltaqgħu miegħu. Kull quddiesa tista' tħeġġilna qalbna...kull quddiesa hija Għemmaws... jekk irridu.

## Lura lejn il-Motu Proprju

Naħseb li b'dan il-Motu Proprju, il-Papa Franġisku, l-ewwel u qabel kollox, ried



jagħti importanza lit-tifkira ta' San Ġirolmu, il-patrun tal-istudjużi tal-Iskrittura Mqaddsa. Huwa dak li kien ħareġ bl-istqarrija tant qawwija: "Min ma jafx l-Iskrittura, ma jafx lil Kristu (*In Is.,*Prologu: *PL* 24,17).

B'dan il-Ħadd partikulari jidher li l-Papa ma jridx li niftakru fil-Kelma Mqaddsa darba fis-sena, imma li dan il-jum ifakkarna fl-importanza tal-Kelma matul is-sena kollha. Forsi hawnhekk għandna xebh mal-Festa ta' Corpus Domini, l-Ewkaristija. Festa li ssir darba fis-sena biex tfakkarna fl-importanza tal-Ewkarsitija matul is-sena kollha. Ħadd għall-Kelma biex niftakru fis-sejħa tagħna li nkunu ħbieb tal-Iskrittura, tal-Irxoxt, li kontinwament jiftħilna moħħna għall-għarfien tal-Iskrittua u għall-qsim tal-ħobż fost dawk li jemmnu fiH.

Ħa nsegwu issa l-ideat prinċipali ta' din l-Ittra Appostolika.

Il-Papa jibda (numru 1) billi jistieden lill-insara jkunu midħla tal-Iskrittura Mqaddsa bħala il-komunità ta' dawk li jemmnu. Dan għaliex ir-relazzjoni bejn l-Irxoxt, il-komunità ta' dawk li jemmnu u l-Iskrittura Mqaddsa hija fundamentali fit-tiswir ta' min aħna. Huwa l-Mulej li jiftħilna moħħna għall-għarfien tal-Iskrittura. Fl-istess ħin hija l-Iskrittura li turina l-missjoni ta' Kristu u l-Knisja tiegħu.

B'sinjal ta' kontinwità fit-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja l-Papa jlaqqam id-diskors tiegħu (numru 2) fil-Kostituzzjoni Dommatika fuq ir-Rivelazzjoni Divina, *Dei Verbum*, u l-Eżortazzjoni Appostolika ta' Beneditu XVI, *Verbum Domini*, frott is-Sinodu tal-Isqfijiet fuq ir-Rwol tal-Kelma ta' Alla fil-Knisja. Ifakkar u jgħid: "Mill-paġni ta' *Dei Verbum*, toħroġ b'mod ċar in-natura tal-Iskrittura Mqaddsa, il-mod kif ġiet mgħoddija minn ġenerazzjoni għall-oħra (kap. II), l-ispirazzjoni divina tagħha (kap. III) li tħaddan it-Testment il-Qadim u dak Ġdid (kap.

IV u V), u l-importanza tagħha fil-ħajja tal-Knisja (kap. VI)". Fuq il-*Verbum Domini* jgħid: "fiha tagħlim essenzjali għall-komunitajiet tagħna...jinżel aktar fil-fond tal-karattru ħaj u attiv tal-Kelma ta' Alla, fuq kollox meta fl-azzjoni liturġika joħroġ il-karattru sagramentali tagħha". Ifakkar kliem Sant'Efrem li fuq il-Kelma jistqarr: "Il-Mulej lewwen il-kelma tiegħu bi ġmiel ta' kull xorta, biex dawk li jgħarbluha jistgħu jikkontemplaw dak li jixtiequ minnha. Satar fil-kelma tiegħu t-teżori kollha biex kull wieħed minna jsib għana f'dak li jikkontempla" (*Tifsir fuq id-Diatessaron*, 1, 18).

Fin-numru 3 il-Papa juri l-importanza ta' dan il-Ħadd tal-Kelma li għandu jitlaqqam fil-ħidma ekumenika tal-Knisja u fid-djalogu interreliġjuż mal-Lhud: "Għalhekk nistabilixxi li t-III Ħadd fiż-Żmien ta' Matul is-Sena jkun iddedikat għaċ-ċelebrazzjoni, ir-riflessjoni u tixrid tal-Kelma ta' Alla…se jaħbat f'mument opportun ta' dak il-perijodu tas-sena, meta aħna mestednin insaħħu r-rabtiet tagħna mal-Lhud u nitolbu għall-għaqda tal-Insara... għax l-Iskrittura Mqaddsa turi lil min jagħti widen għaliha l-mixja li għandu jterraq biex jilħaq l-għaqda awtentika u b'saħħitha". Dan il-Ħadd jista' jsir okkażjoni biex tingħata importanza xierqa lill-qaddejja tal-Kelma. Għalhekk il-Papa jissuġerixxi li f'dan il-Ħadd l-Isqfijiet jistgħu jiċċelebraw ir-Rit tal-Istituzzjoni tal-Letturi, dawk msejħa biex b'mod xieraq ixandru l-Kelma waqt il-Liturġija bħalma fil-fatt isir ukoll għal dawk li jiġu isititwiti Akkoliti jew Ministri Straordinarji tat-Tqarbin.

## Il-Bibbja hija għal kulħadd

Il-Papa jħares lura lejn l-istorja tal-poplu l-magħżul (numru 4) u jfakkar kemm il-Kelma ta' Alla mmarkat din l-istorja. Jagħmel riferiment għal Kapitlu 8 tal-Ktieb ta' Neħemija fejn għall-ewwel darba, wara l-eżilju qares f'Babel, għandna rakkont li jippreżenta lill-poplu miġbur biex jisma' l-Kelma miktuba. Hija Kelma mismugħa b'attenzjoni, imfissra...tant li tolqot il-qlub! Neħemija 8 jgħallimna: il-Bibbja hija għal kulħadd, ħadd eskluż; hija Kelma li ma tistax tiġi mmanipulata f'xi gruppi esklussivi; hija Kelma li tgħaqqad u toħloq poplu wieħed. Hu għalhekk (numru 5) li "ir-Ragħaj qabel xejn għandu r-responsabilità kbira li jfisser u jagħti lil kulħadd il-faċilità li jifhem l-Iskrittura Mqaddsa". Ma jistax jonqos li



l-Papa jfakkar fl-importanza tal-omelija mħejjija tajjeb mix-xandara tal-Kelma: "għandha karattru kważi sagramentali, iddaħħalna fil-profondità tal-Kelma ta' Alla, b'lingwaġġ sempliċi u adattat għal min qed jisma', u biha s-saċerdot jgħinna niskopru wkoll il-ġmiel tax-xbihat li kien juża l-Mulej biex iħeġġeġ għal ħajja tajba. Din hi opportunità pastorali li ma nistgħux nitilfu!"

Fin-numri 6-8 il-Papa jerġa' lura fid-dawl tar-rakkont ta' Għemmaws. Ifakkarna kif l-Iskritturi ħejjew għall-ħajja u l-missjoni tal-Kristu Hu nnifsu mbagħad ried iwettaq dak li kien inkiteb fuqu fl-Iskritturi biex juri li ħajtu, il-mewt u l-qawmien tiegħu, fil-fatt kienu r-realizzazzjoni tal-Kelma ta' Alla. "Għalhekk, il-Bibbja, l-Iskrittura Mqaddsa, titkellem fuq Kristu u tħabbru bħala dak li jrid jgħaddi mit-tbatija biex jidħol fil-glorja. Mhux parti waħda biss, imma l-Iskrittura kollha titkellem fuqu. Il-mewt u l-qawmien tiegħu ma nistgħux nifhmuhom mingħajrha". Mhux ta' b'xejn li "waħda mill-eqdem stqarrijiet tal-fidi tisħaq li Kristu miet minħabba dnubietna, skont l-Iskrittura; difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum, skont l-Iskrittura. U deher lil Kefa (1 Kor 15:3-5). La l-Iskrittura titkellem fuq Kristu, biha nistgħu nemmnu li l-mewt u l-qawmien tiegħu mhumiex ħaġa tal-mitoloġija, imma tal-istorja, u jinsabu fil-qalba tal-fidi tad-dixxipli tiegħu" (numru 7). Hu għalhekk, ikompli Franġisku, li hi qawwija r-rabta bejn l-Iskrittura u l-fidi ta' min jemmen. Smigħ il-Kelma hija fundamentali fil-liturġija, fit-talb u fir-riflessjoni personali. Mhux biss: il-fatt li l-mixja tad-dixxipli ta' Għemmaws tintemm l-ikla li matulha "infetħulhom għajnejhom u għarfuh fil-qsim tal-ħobż" tfakkarna fir-rabta qawwija li hemm bejn l-Iskrittura u l-Ewkaristija. Il-Papa jfakkar fi kliem il-Konċilju Vatikan II, fid-*Dei Verbum*, 21: "Il-Knisja dejjem tat qima lill-Iskrittura Mqaddsa kif tat lill-Ġisem tal-Mulej billi qatt ma naqset, l-aktar fil-liurġija mqaddsa, li tieħu l-għajxien bil-ħobż tal-ħajja mill-mejda tal-Kelma ta' Alla u tal-Ġisem ta' Kristu, u tagħtih lill-fidili". Bl-istess mod, "L-Iskrittura Mqaddsa u s-Sagramenti ma jistgħux jinfirdu minn xulxn" (numru 8).

## Tliet prinċipji teoloġiċi

Fin-numri 9, 10 u 11 il-Papa jfakkarna fi tliet prinċipji teoloġiċi neċessarji biex nersqu lejn il-Kelma ta' Alla, u dan fid-dawl ta' 2 Timotju 3:16, "L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla, u tiswa biex wieħed jgħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa": il-finalità salvifika, id-dimensjoni spiritwali u l-prinċipju tal-inkarnazzjoni għall-Iskrittura Mqaddsa.

Dan ifisser li wieħed għandu jiftakar li l-Bibbja "mhijiex xi ġabra ta' kotba ta' storja, lanqas ta' kronaka, imma hi kollha kemm hi ffukata fuq is-salvazzjoni sħiħa tal-persuna. Il-fundament storiku tal-kotba li hemm fit-test sagru, aspett li ma nistgħux niċħduh, mgħandux inessina din il-finalità ewlenija: is-salvazzjoni tagħna. *Dei Verbum* 11 kien stqarr: "Il-Kotba tal-Iskrittura Mqaddsa jgħallmu b'ċertezza, b'fedeltà u mingħajr żbalji l-verità li, għas-salvazzjoni tagħna, Alla ried li tinġabar fil-Kotba Mqaddsa". Hu għalhekk li l-Iskrittura trid tiġi moqrija bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu li nebbaħha: "għalhekk, l-Ispirtu s-Santu jibdel l-Iskrittura Mqaddsa f'Kelma ħajja ta' Alla, li tingħex u tiġi mgħoddija fil-fidi tal-poplu qaddis tiegħu" (numru 9).

L-ispirazzjoni tal-Bibbja fil-fatt ma tmissx biss it-tiswir tal-Kotba Mqaddsa imma tmiss ukoll lil dawk li jagħtu widen għall-Kelma. *Dei Verbum* 12 kien stqarr: "L-Iskrittura Mqaddsa għandha tinqara u tkun interpreta bl-għajnuna tal-istess Spirtu li permezz tiegħu nkitbet". Irridu nafdaw fl-azzjoni tal-Ispirtu s-Santu meta l-Knisja tgħallem u tinterpreta



l-Iskrittura Mqaddsa u meta dawk li jemmnu jagħmluha n-norma tal-għixien tagħhom (numru 10).

Il-Papa jfakkar ukoll il-prinċipju msemmi fid-*Dei Verbum* 13: "Il-kliem ta' Alla mogħti lilna b'ilsna ta' bnedmin, sar jixbah il-kliem tal-bniedem, kif l-Iben tal-Missier Etern, meta ħa d-dgħufija tan-natura tal-bniedem, sar jixbah lill-bniedem". L-Inkarnazzjoni tal-Verb ta' Alla tagħti għamla u sens lir-relazzjoni bejn il-Kelma ta' Alla u l-lingwaġġ uman, bil-kundizzjonijiet storiċi u kulturali tiegħu. 'Hu f'din il-ġrajja li tieħu sura t-Tradizzjoni...il-kelma ħajja – it-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja, li tgħaddiha bla waqfien mal-medda tas-sekli minn nisel għal nisel, għandha f'dak il-ktieb imqaddes ir-regola ewlenija tal-fidi tagħha" (numru 11).

Il-Papa jgħaddi biex jitkellem fuq il-funzjoni profetika tal-Kelma ta' Alla. Funzjoni profetika fis-sens li

ddawwal l-illum ta' min jitrejjaq bil-Kelma. Hija Kelma profetika li "tipprovoka ħlewwa u mrar fl-istess ħin". Hija ħlewwa li twassalna biex naqsmu l-Kelma ta' Alla ma' dawk li magħhom niltaqgħu fil-ħajja ta' kuljum. Hija mrar li tfakkarna kontinwament fis-sejħa tagħna għall-konverżjoni fir-relazzjoni tagħna ma' Alla u ma' ħutna (numru 12).

Hija Kelma li tixprunana għall-karità, għall-imħabba, għall-ħniena. "Il-Kelma ta' Alla kapaċi tiftħilna għajnejna biex tgħinna noħorġu mill-individwaliżmu li jaqta' n-nifs u jħallina vojta, waqt li tiftħilna beraħ it-triq quddiemna biex naqsmu u nkunu solidali mal-oħrajn" (numru 13).

## Trasfigurazzjoni u Faqar

Fin-numru 14 il-Papa jfakkar fir-rakkont tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesu'. Il-kelma ta' Pietru "ħa ntellgħu tliet tined..." tfakkarna fil-kuntest tal-Festa Lhudija tal-Għerejjex, l-istess kuntest tal-qari tal-Kelma f'Neħemija 8 u tantiċipa l-glorja ta' Ġesù. Il-Papa jgħid li din it-Trasfigurazzjoni tixbah lil dik tal-Iskrittura Mqaddsa, li tittraxxendi lilha nnifisha meta ssir ikel għal dawk li jemmnu: "Biex nirbħu lura l-artiklazzjoni bejn id-diversi tifsiriet tal-Iskrittura hemm bżonn ngħaddu mill-ittra għall-ispirtu. Dan mhuwiex xi passaġġ awtomatiku u spontanju; pjuttost jeħtieġ immorru lil hemm mill-ittra".

Il-Papa hekk jikkonkludi din l-Ittra Appostolika (numru 15): Fit-triq biex nilqgħu l-Kelma ta' Alla, timxi magħna Omm il-Mulej, li tissejjaħ hienja għax emmnet li jsir dak li kien qalilha l-Mulej (ara Lq 1:45). Il-beatitudni ta' Marija tiġi qabel il-beatitudnijiet kollha mħabbra minn Ġesù għall-foqra, il-maħqurin, l-umli, il-bennejja tal-paċi u dawk li huma ppersegwitati, għax hija l-kundizzjoni meħtieġa għal kull beatitudni oħra. L-ebda fqir ma hu hieni għax hu fqir; isir hieni jekk, bħal Marija, jemmen li l-Kelma ta' Alla ħa sseħħ. Dan ifakkarhulna dixxiplu u mgħallem kbir tal-Iskrittura Mqaddsa, Santu Wistin: "Xi ħadd minn qalb il-folla, partikularment mirbuħ mill-entużjażmu, esklama: 'Hieni l-ġuf li ġiebek'. U hu: 'Henjin iżjed dawk li jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jħarsuha'. Qisu ried jgħid: anki ommi, li int qed issejħilha hienja, hi hienja sewwasew għax tħares il-kelma ta' Alla, mhux għax fiha l-Verb sar bniedem u għammar fostna, imma għax tħares il-Verb ta' Alla nnifsu li permezz tiegħu hi saret, u li fiha tlaħħam" (*Fuq il-Vanġelu ta' Ġwanni*, 10, 3).

Jalla l-Ħadd iddedikat lill-Kelma jkattar fil-poplu ta' Alla l-familjarità reliġjuża u assidwa mal-Iskrittura Mqaddsa, l-istess kif l-awtur sagru kien diġà għallem fiż-żminijiet ta' dari: "Imma din il-ħaġa hi qribek sewwa f'fommok u f'moħħok, biex tagħmilha" (Dewt 30:14).



# L-ASPETT POLITIKU FIR-RAKKONTI TAT-TWELID TA' ĠESÙ

***Rev Dr Martin Micallef OFMCap***

Għal ħafna nsara li huma mdorrijin jaqraw l-Evanġelju bħala ġabra ta' stejjer b'messaġġ divin, qajla jiġihom f'moħħhom li f'dawn ir-rakkonti nsibu diversi noti b'xeħta politika. Dan jidher b'mod speċjali fir-rakkonti li baqgħu magħrufin bħala "ir-rakkonti tat-twelid u tal-infanzja ta' Ġesù." F'dan l-artiklu se neżaminaw kif l-Evanġelista San Mattew jagħmel użu mill-qawwa tal-ħakma Rumana fi żmien Ġesù bħala parti integrali tal-mod kif jirrakkonta t-twelid ta' Ġesù.

## Il-Kuntest Storiku-Soċjali ta' żmien Ġesù

Il-qawwa imperjali Rumana ħonqot id-dinja li fiha twieled u għex Ġesù, kif ukoll id-dinja ta' dawk li għalihom San Mattew kien qed jikteb wara s-sena 70 W.K.[1] Il-qawwa Rumana kienet toffri serħan il-moħħ għall-istrutturi soċjali ta' dan l-Imperu filwaqt li kienet tħares il-ġid, l-istatus u l-qawwa ta' ħafna persuni b'modi differenti. Il-kontroll u l-preżenza Rumana kienu jintwerew permezz ta' bini, statwi, xbihat fuq muniti u festi. Il-klassi li kienet taħkem kienet tiġġenera ġid, riżorsi u produzzjoni mill-kumplament tal-popolazzjoni permezz ta' taxxi, tributi u sistema ta' jasar. Realtajiet soċjo-ekonomiċi ħorox għalhekk kienu jagħmlu l-ħajja ta' kuljum diffiċli għal ħafna min-nies.[2] Ir-reliġjon u l-politika ma kinux żewġ affarijiet mifrudin minn xulxin. It-teoloġija imperjali Rumana kienet tenfasizza l-għażla tal-allat ta' Ruma bħala l-aġenti tagħha li permezz tagħhom kellha tintwera r-rieda divina.

Huwa f'dan l-ambjent li nkiteb l-Evanġelju skont San Mattew li jirrakonta l-ġrajja ta' Ġesù fi żmien immedjat wara li, bejn is-snin 66 u 70 W.K., xi Lhud mil-Lhudija u mill-Galilija qamu kontra r-Rumani. Dawn il-Lhud ġew maqtula bla ħniena fis-sena 70 W.K. meta r-Rumani ħarqu t-Tempju ta' Ġerusalemm u xekklu din ir-rewwixta kontrihom. It-telfa ta' din il-belt u t-Tempju, flimkien mal-kult u s-saċerdoti, ma kinetx tfisser biss li l-Ġudaiżmu issa kellu jieħu forma oħra ġdida, iżda wkoll li l-komunitajiet Lhud imxerrda fl-Imperu, kellhom l-isfida kbira biex jaraw kif se jibdew jgħixu taħt il-ħakma Rumana.

L-Evanġelju skont San Mattew, li jirrakkonta l-istorja ta' Ġesù li spiċċa msallab mir-Rumani, jipparteċipa mill-mod kif id-dixxipli ta' Ġesù wkoll kellhom jaraw kif se jgħixu l-ħajja tagħhom ta' kuljum f'din ir-realtà tal-Imperu Ruman. B'dan l-isfont storiku nistgħu issa nersqu lejn in-narrativa li ħallielna San Mattew speċjalment fl-ewwel żewġ kapitli li bħal l-Evanġelista San Luqa jiddedikahom għan-narrativa tat-twelid ta' Ġesù.





## Rabta bejn it-Twelid u l-Mewt ta' Ġesù

San Mattew jiftaħ l-Evanġelju bir-rakkonti tat-tnissil u t-twelid ta' Ġesù. Permezz ta' dawn ir-rakkonti, dan l-Evanġelista jgħinna nagħrfu kif kellu jibda jitwettaq il-pjan ta' Alla li jilħaq il-milja tiegħu fil-karattru ewlieni tal-istorja, Ġesù l-Iben ta' Alla. Fl-aħħar tal-Evanġelju, imbagħad naqraw kif Ġesù ġie msallab mis-suldati Rumani. Għalkemm ir-rakkonti tat-twelid u tal-mewt ta' Ġesù jidhru imbegħdin sewwa minn xulxin, San Mattew joħloq rabta sottili bejn l-ewwel kapitli tal-Evanġelju mal-aħħar kapitli, b'mod illi l-ewwel kapitli jantiċipaw il-mewt ta' Ġesù. Dan iseħħ bl-użu ta' lingwaġġ li nsibu fir-rakkonti tat-twelid ta' Ġesù u li jerġa' jitfaċċa b'mod prominenti fil-ġrajja tal-kruċifissjoni ta' Ġesù.

Hekk pereżempju, il-maġi jaslu Ġerusalemm jistaqsu: "Fejn hu dak li twieled sultan tal-Lhud?" (Mt 2:2). L-istess frażi terġa' tintuża minn Pilatu meta jinterroga lil Ġesù qabel ma sallbu. Hekk naqraw f'Mt 27:11 – "Ġesù waqaf quddiem il-gvernatur, u dan staqsih: 'Int is-sultan tal-Lhud?'"

Hekk ukoll "il-qassisin il-kbar u l-kittieba" li Erodi jsejjaħ f'2:4 sabiex jieħu parir mingħandhom meta waslitlu l-aħbar mill-maġi li kien twieled is-sultan tal-Lhud. Lil dawn il-mexxejja Lhud nerġgħu niltaqgħu magħhom fir-rakkonti tal-passjoni bħala protagonisti li wasslu lil Ġesù għall-mewt.[3] Il-verb li San Mattew juża f'2:4 sabiex jiddeskrivi kif Erodi "ġabar flimkien" [bil-Grieg: *synagagon*] "il-qassisin il-kbar u l-kittieba" ħalli jagħtuh parir jidentifika l-azzjonijiet futuri tagħhom. Fil-fatt, aktar 'il quddiem naqraw kif dan l-Evanġelista juża dan l-istess verb għall-erba' darbiet biex jiddeskrivi kif dawn il-mexxejja ltaqgħu ħalli jippjanaw il-mewt ta' Ġesù.

Hekk naqraw f'26:3 - "Il-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu nġabru [bil-Grieg: *synechthesan*] fil-palazz tal-qassis il-kbir;" f'26:57



nerġgħu naqraw - "Dawk li qabdu lil Ġesù ħaduh quddiem Kajfa, il-qassis il-kbir, fejn ġa kienu nġabru [bil-Grieg: *synechthesan*] l-kittieba u x-xjuħ;" f'27:62 naqraw hekk - "L-għada, jiġifieri meta għadda Jum it-Tħejjija, il-qassisin il-kbar u l-Fariżej inġabru [bil-Grieg: *synechthesan*] għand Pilatu;" u f'28:12 nerġgħu naqraw - "Dawn inġabru [bil-Grieg: *synachthentes*] flimkien max-xjuħ, ftiehmu bejniethom, u taw lis-suldati kemxa flus ġmielha." Hekk ukoll f'27:27 naqraw li "is-suldati tal-gvernatur ħadu lil Ġesù fil-Pretorju, u ġabru [bil-Grieg: *synegagon*] quddiemu lil sħabhom kollha," filwaqt li f'27:17 naqraw li meta l-folol "kienu miġbura [bil-Grieg: *synegmenon*], Pilatu qalilhom: 'Lil min triduni nitilqilkom, lil Barabba

jew lil Ġesù li jgħidulu l-Messija!'"

Kelma oħra li tgħaqqad dak li nsibu fil-bidu tal-Evanġelju skont San Mattew mal-aħħar tan-narrativa tiegħu hija "jidħqu/iqarrqu." Il-maġi "iqarrqu" jew "jidħqu" b'Erodi billi ma marrux lura għandu bl-aħbar tal-post fejn sabu t-tifel li twieled. L-istess verb bil-Grieg *enepaichthe* li huwa użat f'2:16 jerġa' jidher għal erba' darbiet oħra biex jiddeskrivi l-azzjoni kontra Ġesù li wasslitu għall-mewt.

Hekk f'20:19 naqraw: "jerħuh f'idejn il-pagani biex jiddieħku bih [bil-Grieg: *empaixai*], u jagħtuh is-swat u jsallbuh;" f'27:29 nerġgħu naqraw - "qegħdulu fuq rasu kuruna minsuġa mix-xewk u qasba f'idu l-leminija, inxteħtu għarkupptejhom quddiemu, u qagħdu jiddieħku bih [bil-Grieg: *enepaixan*];" żewġ versi wara, jiġifieri fil-vers 31 nerġgħu naqraw: "imbagħad, wara li għaddewh biż-żufjett [bil-Grieg: *enepaixan*], neżżgħulu l-mantar u xeddewlu ħwejġu." Hekk ukoll fil-vers 41 nerġgħu niltaqgħu mal-użu ta' dan il-verb: "Hekk ukoll il-qassisin il-kbar bdew jiddieħku bih [bil-Grieg: *empaizontes*] mal-kittieba u x-xjuħ."

L-użu ta' dan il-kliem, mela, fis-siltiet imsemmija, jgħaqqdu flimkien il-ġrajjiet tat-twelid mal-mewt ta' Ġesù fuq is-salib li seħħet taħt il-ħakma Rumana.

## Il-Ġeneoloġija ta' Ġesù

Fi żmien meta San Mattew kiteb l-Evanġelju tiegħu kienet drawwa li l-eroj tal-istorja jiġi assoċjat ma' antenati prestiġjużi u virtwużi - ħafna drabi irġiel – li kellhom status sinjur u ta' poter.[4] Hekk ukoll naqraw fil-ġeneoloġija ta' Ġesù. Filwaqt li xi wħud mill-antenati msemmija fil-ġeneoloġija ta' Ġesù huma figuri prominenti u virtwużi b'qawwa, ġid u status, bħal ngħidu aħna, Abraham, David, Salamun u rejiet oħra, ħafna minnhom jonqoshom proprju dawn il-karatteristiċi. Figuri bħal David, Robogħam, Abija, Ġoram, Aħaż u Manasse li jissemmew fil-versi 7 sa 10 tal-ewwel kapitlu ta' dan l-Evanġelju ma tantx jidher li kienu eżempju ta' virtù. Is-sultan Salamun pereżempju uża mezzi oppressivi sabiex ikabbar il-ġid tiegħu kif naqraw f'1 Slat 1-11.[5] Ibnu Robogħam kompla fuq il-passi ta' missieru kif naqraw f'1 Slat 12-14. Manasse kien jispeċjalizza fil-qima tal-allat pagani u l-inġustizzji kif insibu f'2 Slat 21:1-18.

Il-Mulej intervena fis-sena 587 Q.K. bit-telfa ta' Ġerusalemm mill-imperu tal-Babilonja. Referenza għall-eżilju fil-Babilonja timmarka t-tmiem tat-tieni parti tal-ġeneoloġija ta' Ġesù u l-bidu tat-tielet parti.[6] It-terminu li San Mattew juża għall-"eżilju" (bil-Grieg: *metoikesia*) jidher tliet darbiet fit-test Grieg tat-Testment il-Qadim (LXX) f'kuntesti li jinterpretaw din il-ġrajja b'mod teoloġiku.[7] Dan ifisser li fit-Testment il-Qadim, l-eżilju fil-Babilonja ġie interpretat bħala ġrajja li kienet tagħmel parti mill-pjan ta' Alla li kkastiga s-slaten għall-fatt li ma wrewx il-ġustizzja divina u li ma mexxewx il-poplu fil-qima leali lejh. Din il-perspettiva tinterpreta l-qawwa imperjali tal-Babilonja bħala mod li permezz tagħha Alla kien qed jikkastiga l-poplu tiegħu.[8]

It-tradizzjoni biblika iżda tevalwa wkoll l-Imperu tal-Babilonja b'mod ieħor. Il-Mulej Alla ġġudika l-Babiloniżi talli kienu għakksu u ħaqru l-poplu tiegħu. B'hekk il-Mulej ġab fit-tmiem din il-ħakma qawwija billi uża lill-Ċiru mexxej mill-Persja ħalli jwettaq il-pjanijiet tiegħu u sabiex jeħles lill-poplu tiegħu mill-ħakma tal-Babilonja. B'dan il-mod, il-poplu ta' Alla seta' jirritorna lejn artu wara s-sena 539 W.K.[9] Fil-fatt, il-versi 12-16 fil-ġeneoloġija ta' San Mattew juru kif il-Babilonja ma kellhiex l-aħħar kelma b'mod illi l-aħħar taqsima ta' din il-ġeneoloġija tindika li l-ebda qawwa imperjali mhija aktar b'saħħitha minn Alla.

Filwaqt li jerġa' jfakkar f'dawn il-perspettivi



differenti ta' kif il-Mulej Alla uża l-qawwa tal-Imperu tal-Babilonja, San Mattew kien qed ikellem lill-qarrejja kontemporanji tiegħu li kienu taħt il-qawwa u l-kontroll tar-Rumani. Ir-referenzi għall-Babilonja joħolqu analoġija għar-relazzjoni bejn Babilonja u Ruma, bejn il-ġrajjiet li seħħew fis-sena 587 Q.K. u dawk li kienu għadhom kemm seħħew fis-sena 70 W.K. Mattew jidher li kien qed jara l-ġrajjiet diżastrużi li seħħew fis-snin 66-70 W.K. meta r-Rumani qerdu lil Ġerusalemm bħala ġrajjiet paralleli mal-waqgħa ta' Ġerusalemm mill-Babiloniżi fis-sena 587 Q.K. Hekk kif il-Mulej Alla uża lill-Babilonja sabiex jikkastiga lil Ġerusalemm fis-sena 587 Q.K. hekk issa l-Mulej Alla kien qed juża lir-Ruma sabiex jikkastiga lil Ġerusalemm fis-sena 70 W.K. għall-fatt li laqgħetx iż-żjara ta' Alla f'Ibnu Ġesù.

Din il-perspettiva ssir aktar espliċita f'dan l-Evanġelju bil-mod kif San Mattew jirranġa l-parabbola tal-festa tat-tieġ li huwa rċieva mit-tradizzjoni sabiex jinkludi fiha referenza għall-qerda tal-belt ta' Ġerusalemm[10] u sabiex jikkundanna lill-mexxejja ta' din il-belt.[11]

## Is-Sultan Erodi

It-tieni kapitlu ta' San Mattew juri l-glieda bejn is-Sultan Erodi, il-wiċċ tal-qawwa tal-Imperu Ruman fil-Lhudija kkonċentrata f'Ġerusalemm, u Ġesù li kien għadu kemm twieled.

L-ewwel vers tal-kapitlu 2 jafferma t-twelid ta' Ġesù filwaqt li juri kif il-pjan ta' Alla kien ser jitwettaq fid-dinja Rumana – "Meta twieled Ġesù f'Betlehem tal-Lhudija, fi żmien is-sultan Erodi." Dan l-ewwel vers jikkontrasta żewġ viżjonijiet differenti u konfliġġenti ta' saltniet. Min-naħa r-referenza għal Betlehem tidentifika villaġġ żgħir imwarrab, min-naħa l-oħra Ġerusalemm hija ċ-ċentru tal-qawwa. Minkejja iżda ċ-ċokon ta' Betlehem, dan il-post għandu storja

importanti fil-paġni tal-Kotba Mqaddsa għaliex kien f'Betlehem li David kien ġie midluk sultan.[12] Ir-rabta ma' din il-belt mas-sultan David tfakkarna fit-tradizzjoni li fiha s-sultan joqgħod għalih kliem is-Salm 72:4 – "Hu jħares id-dritt tal-imsejknin tal-poplu, isalva l-fqajrin u jrażżan 'il min jgħakkishom."

Min-naħa l-oħra, is-sultan Erodi assoċjat ma' Ġerusalemm, mhux biss kien jirrappreżenta lir-Rumani iżda nistgħu ngħidu wkoll li dan kien pupazz f'idejn Ruma. Hekk jinfurmana l-istoriku Lhudi *Josephus* li kien qed jikteb l-istorja tal-Lhud għar-Rumani.[13] Erodi jibqa' eżempju klassiku ta' kif Ruma kienet tagħmel alleanzi mal-persuni għolja fis-soċjetà lokali sabiex issalva l-qawwa imperjali. Il-ħruxija tiegħu żammitu fil-poter kontra kull theddida.[14] Bħala persuna makakka u mexxej ambizzjuż, Erodi żamm l-awtorità tiegħu anke meta kien hemm tibdil politiku f'Ruma. Huwa daħal għal bosta proġetti ta' bini kbir inkluż tempji għal Ruma u għall-Imperatur Awgustu f'Caesarea Maritima, filwaqt li reġa' bena wkoll it-Tempju ta' Ġerusalemm għall-qima ta' Alla ta' Israel.

Il-ġeneoloġija ta' Ġesù diġà elenkat storja ta' slaten li ma għexux skont il-pjanijiet divini. Mattew issa jurina kif Erodi kien jappartjeni lil din il-lista ta' slaten li għamlu reżistenza għar-rieda divina. Kif mistenni għalhekk, it-tħabbira tal-maġi li għarfu li kien twieled "is-sultan tal-Lhud" wasslet biex "is-sultan Erodi sama' bihom, u tħawwad hu u Ġerusalemm kollha miegħu" (Mt 2:3). Erodi wieġeb għal dan billi "ġabar flimkien" l-alleati tiegħu f'Ġerusalemm, jiġifieri "il-qassisin il-kbar u l-kittieba kollha tal-poplu, u ried jaf mingħandhom fejn kellu jitwieled il-Messija" (2:4).

Forsi naħsbu li "l-qassisin il-kbar u l-kittieba" li jissemmew hawnhekk kienu biss "mexxejja reliġjużi." Fid-dawl ta' din il-premessa forsi nqisu wkoll din il-laqgħa bejn Erodi u dawn il-mexxejja Lhud bħala laqgħa bejn personalitajiet politiċi u reliġjużi fuq ħwejjeġ reliġjużi. Iżda din il-qasma bejn kwestjonijiet reliġjużi u politiċi hija anakronista għall-ewwel seklu.[15] Skont dak li jikteb *Josephus*, il-qassisin il-kbar kienu l-mexxejja tal-Lhudija.[16] F'din is-silta huma jiġu murija mill-Evanġelista Mattew bħala persuni li kienu alleati ta' Erodi u li flimkien kienu jiffurmaw membri tal-klassi għolja li tmexxi taħt il-ħakma Rumana u li kienu ibbażati fit-Tempju ta' Ġerusalemm.

Erodi jistaqsihom b'mod speċifiku fuq fejn kellu jitwieled "il-Messija/Kristu" (2:4). L-użu tal-kelma "Messija/Kristu" li tfisser il-"midluk" tirreferi għal tradizzjoni fost ħafna, imma mhux fost kulħadd, li l-Lhud kienu qed jistennew figura "midluka" minn Alla sabiex jitwettqu l-pjanijiet tiegħu. Ma kienx hemm stennija universali jew monolitika għall-Messija fost il-Lhud.[17] Minflok aktar jidher li kien hemm tradizzjonijiet differenti fuq x'tip ta' Messija kellu jkun u x'kellha tkun il-missjoni tiegħu. Jidher iżda li għal ħafna Lhud, il-Messija kellu jkun figura li jieħu post il-qawwa tar-Rumani. Meta għalhekk Erodi ġabar "il-qassisin il-kbar u l-kittieba kollha tal-poplu, u ried jaf mingħandhom fejn kellu jitwieled il-Messija" huwa kien qed jistaqsihom mistoqsija politika.

Il-mexxejja ta' Ġerusalemm iwieġbu billi jikkwotaw tradizzjonijiet fuq David meħuda minn Mikea 5, anke jekk din is-silta ma tużax it-terminu "Messija" jew "Kristu." Jidher li Mik 4:1-5:15 mill-ġdid tevoka l-Imperu ta' Babilonja, referenza għas-seklu 6 Q.K. meta din il-qawwa rebħet lil Ġerusalemm u kaxkru fl-eżilju tal-Babilonja lil dawk li kienu jgħammru f'din il-belt qaddisa.[18] Fl-istess ħin din is-silta minn Mikea turi kif il-Mulej kellu jipprovdi mexxej, ragħaj minn Betlehem, li kellu jieħu post it-tmexxija tal-qawwiet imperjali u jaħkem bil-ħniena u l-ġustizzja

kif naqraw fis-Salm 72. Dan kollu iżda żgur li ma kienx aħbar tajba għas-sultan Erodi. Fil-fatt, il-kumplament tal-kapitlu tnejn ta' San Mattew jelenka l-attentati ta' Erodi sabiex jeqred lil dan ir-ragħaj-mexxej li kien għadu kemm twieled f'Betlehem. Fl-istess ħin dan kollu jikxef u jipprovdilna lista ta' xi wħud mill-modi ta' kif kien isaltan Erodi.

L-ewwel, is-silta tippreżentalna l-motif ta' segretezza. "Erodi mbagħad sejjaħ lill-maġi bil-moħbi, u tkixxef bir-reqqa kollha mingħandhom iż-żmien li fih dehritilhom il-kewkba" (Mt 2:7). It-tieni, l-istorja tkompli turina il-manipolazzjoni ta' Erodi hekk kif huwa jipprova jbiddel lill-maġi jew lil dawn il-pellegrini fi spiji, billi jibgħathom ħalli jsibu lit-tifel u jirraportaw lura għandu. "Bagħathom Betlehem u qalilhom: 'Morru, staqsu sewwa għat-tifel, u meta ssibuh ejjew għiduli, ħalli jiena ukoll niġi nqimu.'" (2:8). It-tielet, f'dan l-istess vers, l-istorja tenfasizza l-gideb ta' Erodi meta dan iddikjara quddiem il-maġi li ried "iqim" lis-sultan tal-Lhud li twieled. L-intenzjoni vera tiegħu iżda kienet li joqtol lit-tifel kif naqraw fil-vers 13 – "Meta telqu, deher anġlu tal-Mulej f'ħolma lil Ġużeppi u qallu: 'Qum, ħu miegħek lit-tifel u 'l ommu, u aħrab lejn l-Eġittu. Ibqa' hemm sa ma ngħidlek jien, għax Erodi se jfittex lit-tifel biex joqtlu." Ir-raba', meta fl-aħħar naqraw kif il-maġi m'għamlux dak li kien talab minnhom Erodi, l-istorja tippreżenta l-aspett vjolenti ta' Erodi li "inkorla bis-sħiħ, u bagħat joqtol f'Betlehem u fl-inħawi kollha tagħha lit-tfal subien kollha ta' minn sentejn 'l isfel, skont iż-żmien li sar jaf mingħand il-maġi" (v.16).

Filwaqt li l-familja mqaddsa taħrab lejn l-Eġittu, Erodi ma jirnexxilux joqtol lit-tifel f'Betlehem. It-telfa finali u kbira ta' Erodi iżda sseħħ fit-tliet referenzi għall-mewt tas-sultan. L-ewwel, f'2:15 naqraw li Ġużeppi "baqa' hemmhekk sal-mewt ta' Erodi …" It-tieni, f'2:19 nerġgħu naqraw: "Meta miet Erodi, deher l-anġlu tal-Mulej f'ħolma lil Ġużeppi fl-Eġittu …" It-tielet, fil-vers ta' wara, il-vers 20 naqraw kif l-anġlu tal-Mulej igħid lil Ġużeppi f'ħolma: "Qum, ħu miegħek lit-tifel u 'l ommu, u erġa' lura lejn l-art ta' Israel, għax mietu dawk li kienu jfittxu l-ħajja tat-tifel." Din ir-repetizzjoni għall-mewt ta' Erodi tenfasizza mhux biss il-falliment ta' dan is-sultan li ried joqtol lil Gesù, imma wkoll il-vulnerabilita tiegħu quddiem l-intervent ta' Alla biex isalva lill-Ibnu Ġesù.[19]

Dehra oħra tal-anġlu lil Ġużeppi f'ħolma tmexxi lil Ġużeppi, lil Marija u lil Ġesù lura lejn il-Lhudija kif naqraw f'Mt 2:19-21. Iżda kif jinnota dan l-Evanġelista: "Billi [Ġużeppi] sama' li fil-Lhudija kien qiegħed isaltan Arkelaws flok Erodi missieru, beża' jmur hemm" (v.22). Il-mewt ta' Erodi, mela, ma kinetx tfisser it-tmiem tal-qawwa imperjali u l-periklu tagħha. Arkelaws, iben Erodi, kompla bl-alleanza ma' Ruma u għalhekk dan kien qed jirrappreżenta l-wiċċ ġdid tal-qawwa Rumana. Mill-ġdid iżda l-Mulej Alla intervena u Ġużeppi jiġi mmexxi lejn il-Galilija. "Telaq lejn l-inħawi tal-Galilija, u mar joqgħod f'belt jisimha Nazaret." (vv 22-23).

L-azzjonijiet u l-kliem tat-tieni kapitlu ta' Mattew iservu biex juruna l-Imperu Ruman u l-alleanzi tiegħu u kif il-vjolenza kienet il-mod ewlieni ta' kif dawn kienu jiddefendu d-dinja tagħhom.[20] Aktar minn hekk iżda, f'dan il-kapitlu nsibu l-eku tal-ġrajjiet ta' Mosè fl-Eġittu u tal-eżodu mill-Eġittu.[21] Iż-żewġ ġrajjiet jinvolvu lil Eġittu: kemm it-tfajjel Mosè kif ukoll it-tfajjel Ġesù kienu fil-periklu ta' mexxejja qawwija, kif ukoll it-tnejn li huma kellhom il-missjoni li jsalvaw poplu. Huma t-tnejn jesperjenzaw l-eżilju kif ukoll il-protezzjoni ta' Alla. Filwaqt li fiż–żewġ ġrajjiet rispettivi tfal subien jiġu attakkati, it-tiran li kien qed imexxi jmut. Fuq kollox hemm ukoll xebh verbali bejn il-ġrajja tar-ritorn ta'

Ġesù mill-Eġittu f'Mt 2:19-22 mar-ritorn ta' Mosè lejn l-Eġittu f'Eżod 4:19-20.

L-eku tal-ġrajjiet ta' Mose-Eżodu jenfasizzaw ir-realtà tal-qawwa imperjali kif ukoll tal-kontroll ta' Alla fuqha. Erodi jsir jixbah lil Fargħun kemm fir-reżistenza tiegħu lejn il-pjan divin u fuq il-mod kif il-Mulej ibiddel il-ħsibijiet ta' Erodi permezz ta' pjanijiet divini. Hekk kif Erodi ġie "mqarraq" mill-maġi – il-verb bil-Grieg użat f'Mt 2:16 huwa *empaizo* - hekk ukoll il-Fargħun jiġi mqarraq minn Mosè u Aron kif naqraw f'Eż 10:2 LXX.

Meta nqisu dan kollu nistgħu naraw kif l-ewwel żewġ kapitli tal-Evanġelju skont San Mattew huma minsuġa sewwa fil-perspettiva storika-politika-soċjali tad-dinja imperjali Rumana tal-ewwel seklu W.K. L-Imperu Ruman huwa l-palk li fuqu San Mattew niseġ l-istorja li jirrakkonta fl-evanġelju tiegħu fejn jurina kif il-preżenza u l-missjoni ta' Ġesù f'din id-dinja imperjali biddlet din l-istess realtà. Fil-fatt, in-narrativa ta' San Mattew tevalwa l-qawwa imperjali b'mod negattiv u tibda turi mod ieħor ta' kif il-qawwa politika kellha titħaddem permezz tal-qawwa salvifika ta' Alla f'Ibnu Ġesù li sar bniedem bħalna.

## Referenzi


1 Ara Warren Carter, *Matthew and the Margins: A Socio-Political and Religious Reading* (Maryknoll: Orbis; Sheffield, Sheffield Academic Press, 2000), 1-49.

2 Ara Ramsay MacMullen, *Roman Social Relations 50 B.C. to A.A. 284* (New Haven: Yale University Press, 1974).

3 Ara Mt 26:3,57.

4 Ara l-eżempju ta' Agricola mogħti minn Tacitus f'Maurice Hutton – William Peterson, *Tacitus: Dialogus, Agricola, Germania* (LCL.; New York: Macmillan, 1914), 173-175.

5 Ara Warren Carter, "'Solomon in All His Glory': Intertextuality and Mattew 6:29," *Journal for the Study of the New Testament* 65 (1997): 3-25.

6 Ara Mt 1:11-12,17.

7 Ara 2 Slat 24:16; 1 Kron 5:22; Eżek 12:11.

8 Ara 1 Slat 9:6-9.

9 Ara Isa 44:21-28; 45:1.

10 Ara Mt 22:7.

11 Ara 21:45.

12 Ara 1 Sam 16:1-13.

13 Ara Josephus, *Ant.* 16.10.2 # 311.

14 Ara Bernard P. Robinson, "Matthew's Nativity Stories: Historical and Theological Questions for Today's Readers," in *New Perspectives on the Nativity,* ed. Jeremy Corley (London, New York: T&T Clark, 2009), 126-128.

15 Ara Anthony Saldarini, *Pharisees, Scribes, Sadducees in Palestinian Society: A Sociological Approach* (Wilmington: Glazier, 1988).

16 Ara Josephus, *Ant.* 20.10.5 # 251.

17 Ara John J. Collins, *The Scepter and the Star: The Messiahs of the Dead Sea Scrolls and Other Ancient Literature* (New York: Doubleday, 1995); Joseph A. Fitzmyer, *The One Who is to come* (Grand Rapids: Eerdmans, 2007).

18 Ara Mik 4:10-11; ara Mt 1:11-12,17. Ara wkoll, Collins, *The Scepter and the Star,* 24.

19 *Josephus* jirrakkonta l-mewt kollha tbatija ta' Erodi. Ara *Ant.* 17.7.5-17.8.1#168-192. *Josephus* iqis il-mewt ta' Erodi bħala kastig ġust għall-krimini li kien wettaq dan is-sultan. Ara *Ant.* 17.7.5#168.

20 Ara Warren Carter, "Construction of Violence and Identities in Matthew's Gospel," in *Violence in the New Testament,* ed. Shelly Matthews and E. Leigh Gibson (New York: T&T Clark, 2005), 81-108.

21 Ara Raymond E. Brown, *The Birth of the Messiah* (New York: Doubleday, New York: Doubleday, 2nd ed. 1993), 113-116; Dale C. Allison, *The New Moses: A Matthean Typology* (Minneapolis: Augsberg Fortress, 1993), 142-144.



# VASKA TAL-MAGĦMUDIJA BIŻANTINA FIL-BAŻILIKA TA' BETLEHEM

*Noel Muscat ofm*

Fit-22 ta' Ġunju ta' din is-sena, waqt il-ħidma ta' restawr li ilha għaddejja fil-Bażilika tan-Natività ta' Betlehem sa mill-2013, instabet vaska tal-magħmudija ta' żmien il-Biżantini, magħluqa u moħbija fil-vaska ottagonali li hemm fix-xaqliba tan-navata tan-nofsinhar tal-istess Bażilika. Il-ħidma esperta ta' restawr tal-Bażilika qegħda ssir mis-Società Piacenti Spa, immexxija minn Giammarco Piacenti. Il-grupp ta' restawraturi esperti diġà wettqu diversi proġetti ta' restawr fil-Bażilika sa minn Settembru 2013. Dawn il-proġetti jinkludu r-restawr

tas-saqaf tal-injam tal-Bażilika, li kien sar fl-1479 b'inizjattiva tal-Patrijiet Franġiskani, speċjalment tal-Gwardjan ta' Betlehem, P. Giovanni Tomacelli. Tnaddfu u ħarġu għad-dawl il-mużajċi stupendi tal-anġli bejn it-twieqi u l-mużajċi l-oħrajn fuq il-ħitan, opra ta' kollaborazzjoni bejn ir-re Kruċjat ta' Ġerusalemm Almaric I u l-Imperatur Biżantin ta' Kostantinopli Manuel Porfirogenetos Komnenos (1165-1169). Taħt il-mużajk tat-tielet anġlu min-naħa tal-presbiterju nstab l-isem tal-mużajċista Grieg, Basilios Pictor, li hu l-awtur ta' dawn il-mużajċi stupendi li fadal biss biċċiet minnhom li issa jistgħu jiġu apprezzati fuq il-ħitan tal-Bażilika. Ġew imnaddfin ukoll l-affreski ta' qaddisin impittra fuq il-kolonni tal-Bażilika, fuq naħa qaddisin tal-Knisja Latina u fuq l-oħra qaddisin tal-Knisja Biżantina, u ġie restawrat bieb kbir tal-injam bi skultura Armena forma ta' bizzilla, bejn in-narteċi (sala tad-daħla) u l-Bażilika nfisha.



*Mużajk ta' Anġlu fil-Bażilika ta' Betlehem*

L-aħbar tas-sejba tal-vaska tal-magħmudija ngħatat minn Ziad al-Bandak, kunsillier presidenzjali tal-gvern tal-Palestina. Kienet skoperta sorpriża, għaliex l-iskop tal-grupp tar-restawraturi kien sempliċement dak li jnaddfu u jirrestawraw il-vaska tal-magħmudija ta' forma ottagonali li tidher fin-navata tal-Bażilika. Malli neħħew l-għatu forma ta' piramidi li kien jgħatti din il-vaska huma raw li fil-vaska kien hemm qiegħ tal-konkrit, li kien ovvju li kien sar mhux tant żmien ilu u li kellu skop li jgħatti xi ħaġa oħra li kien hemm taħtu. Wara li tneħħa s-siment, instabet vaska bajda ta' forma tonda, li fiha dekorazzjoni mill-isbaħ ta' skultura ta' weraq u fjuri. Din kienet il-vaska oriġinali li tħalliet ġewwa dik li saret wara, ta' forma ottagonali. Mill-istudji li se jsiru jidher li din il-vaska hi Biżantina.

Din il-vaska tal-magħmudija issa qed tiġi studjata b'mod professjonali mill-istudjuż Michele Bacci, professur tal-arti medjevali fl-Università ta' Fribourg fl-Isvizzera.

Sadanittant ix-xogħol tar-restawr tal-Bażilika tan-Nativitá, li beda fl-2013 wara ftehim iffirmat mit-tliet komunitajiet proprjetarji bir-regoli tal-i*status quo*, jiġifieri l-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm, il-Kustodja







tal-Art Imqaddsa, u l-Patrijarkat Apostoliku Armen Ortodoss ta' Ġerusalemm, taħt l-awspiċju tal-Awtorità Palestinjana, u wara li Betleħem ġiet inkluża fil-World Heritage List tal-UNESCO, irid jiġi konkluż sa tmiem din is-sena, għax fl-2020 Betleħem se tkun il-belt kapitali tal-kultura fid-dinja Għarbija. Imma għad fadal ħafna xogħol xi jsir, l-aktar ir-restawr tal-Grotta tan-Nativitá, li jaqa' taħt ir-responsabiltà diretta tal-Knejjes proprjetarji. Hu maħsub li l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-proġett komplut ta' restawr se ssir f'Mejju tal-2020.

Il-Bażilika tan-Nativitá ta' Betlehem hi waħda mill-eqdem knejjes fid-dinja li għadhom weqfin. Hi tixbah lill-Knisja ta' Santa Katerina ta' Lixandra li hemm taħt il-Muntanja Sinaj. Iż-żewġ knejjes inbnew mill-Imperatur Biżantin Ġustinjanu (527-565). Il-Bażilika ta' Betlehem inbniet l-ewwel darba minn Santa Elena, omm l-Imperatur Kostantinu l-Kbir, fis-snin 326-333, u għad fadal il-paviment tal-mużajk ta' din l-ewwel Bażilika taħt dik ta' Ġustinjanu.

ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

## TIĠDID
## L-ART IMQADDSA
## 2020




## ABBONAMENT:
€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

TOĦROĠ KULL 3 XHUR

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ______________________

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Kodiċi Postali ______________________

Qed nibgħat € ____________
bħal abbonament għall-2020



# Pellegrinaġġi Franġiskani 2020

**Art Imqaddsa** 7 Ijiem
04 - 11 Frar

**Art Imqaddsa u Ġordanja**
20 - 30 April

**Art Imqaddsa** 8 Ijiem
21 - 29 Mejju
09 - 17 Lulju
06 - 14 Awwissu
03 - 11 Settembru

**Art Imqaddsa** *Extra*
03 - 13 Novembru

**Assisi**
20 - 28 Ġunju
10 - 18 Ottubru

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt